# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXIII Vol XIII Nru. 162 Lulju - Settembru 2012



*"Il-Verġni Marija timxi qabilna fit-Triq tal-Fidi"*

**Benedittu XVI**

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187* *Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2012:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€ 14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€ 18.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2012**


*Sena XXXIII Vol XIII Nru. 162*
*Lulju - Settembru 2012*





**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Dettal tal-Monument tal-Pellegrin li ser jitpoġġa fil-bidu tat-Triq Ta' Pinu

***Wara:*** Kalendarju 2013

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Gerard Buhagiar, Daniel Cilia, Joseph Louis Meilaq, Joseph Xuereb, Max Xuereb.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2012
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## F'din il-Ħarġa...


**1** Il-Kelma tar-Rettur *"Fraħt meta qaluli: Sejrin f'dar il-Mulej"*

**3** Il-Pellegrinaġġ tal-Fidi tal-Verġni Marija

**6** Marija: Mudell u Gwida fil-Pellegrinaġġ tal-Fidi tagħna

**9** Talba tal-Pellegrin

**10** Is-Salib tal-Pellegrin

**14** Diskors tal-Papa Benedittu XVI lill-parteċipanti tal-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku Marjan

**17** "Ħa jsir minni skont kelmtek."

**20** Marija fil-Mużika

**22** Omelija tal-Isqof Mario Grech fil-festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

**24** Mid-Dinja Marjana

**27** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Conservation Report (5)

**37** L-Għanja tal-Qaddejja Is-16-il parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Biex l-interċessjoni tal-Verġni Marija tgħinna niġġeddu fil-Fidi tagħna**




# "Fraħt meta qaluli: 'Sejrin f'dar il-Mulej'"

(Salm 122:1)

Dan il-kliem li bih jibda s-Salm 122 iqanqal fija tifkiriet sbieħ. Hu kliem li jfakkarni meta fil-bidu taż-żgħożija tiegħi, flimkien ma' ommi u xi persuni oħra, konna niltaqgħu fil-pjazza tax-Xagħra u mal-4.00am nerħulha nimxu lejn is-Santwarju Ta' Pinu. Kien pellegrinaġġ li spiss kien jirripeti ruħu. Nistqarr li mhux dejjem kont inkun mimli b'entużjażmu biex inqum kmieni filgħodu, iżda hekk kif konna nibdew il-mixja tagħna lejn is-Santwarju Ta' Pinu, in-ngħas kien itir u kont nirritorna d-dar b'paċi kbira f'qalbi. Illum li għalaqt ħamsa u għoxrin sena saċerdot, nista' nistqarr li mhux darba u tnejn għamilt din il-mixja biex nitlob lil Ommna Marija turini d-dawl dwar it-triq li għaliha kien qed isejjaħli l-Mulej. Nistqarr pubblikament li għalija l-Verġni Marija kienet u tibqa' Omm u Gwida spiritwali ta' ħajti.

*Il-Pellegrinaġġ...* Kemm nies terrqu bil-mixi u għadhom iterrqu lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u lejn santwarji Marjani mxerrda mad-dinja kollha! Tgħid għaliex dan? X'importanza għandu l-pellegrinaġġ? Għad baqa' żmienu llum? Fi ftit kliem ser nipprova nwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet.

Il-pellegrinaġġ qabel kollox huwa mixja simbolika mimlija tagħlim essenzjali għall-ħajja tal-bniedem. Il-pellegrinaġġ irid ifakkarna li l-ħajja tagħna mhix ta' hawn, iżda li aħna lkoll ninsabu f'mixja lejn id-dar ta' Alla, lejn is-Sema pajjiżna. Tul din il-mixja tal-ħajja jiġri li spiss naqtgħu qalbna, negħjew, nibżgħu kull meta nħossuna waħedna, jiġu mumenti fejn inħossu l-bżonn li nieqfu nistrieħu u mumenti fejn ninkeddu għaliex nintebħu li ninsabu minn tal-aħħar, għax dawk li konna miexja magħhom imxew aktar minna u aħna bqajna lura. Iżda s-sbuħija tal-pellegrinaġġ tinsab propju f'dawn il-mumenti, għaliex huwa hawn li nintebħu li lkoll ninsabu miexja lejn post wieħed, lejn is-santwarju, id-dar ta' Alla fostna.

F'dawn il-mumenti ta' mixja nitgħallem nistenna lill-oħrajn u xi drabi ngħin lil oħrajn iqumu biex mill-ġdid



nimxu flimkien. Il-pellegrinaġġ jgħinni nifhem li fil-ħajja miniex waħdi: hemm oħrajn li jien għandi bżonnhom u li huma wkoll għandhom bżonn tiegħi. Xi drabi l-pellegrinaġġ isir matul il-lejl, u dan ifakkarna li għall-bniedem tal-fidi kull lejl li jaħkem fuqu qatt ma huwa lejl mudlam li ma jistax jimxi fih, anzi ħafna drabi fis-sikta tal-lejl wieħed jintebaħ b'ħafna dwal żgħar li jkunu biżżejjed biex huwa jara fejn imidd il-passi tiegħu. Dan għaliex il-pellegrinaġġ jurina li l-ħajja tagħna hija *mixja ta' fidi,* u f'din il-mixja qatt ma ninsabu waħidna, anzi din il-mixja tagħna hija mdawla mid-dawl li joħroġ mill-Kelma ta' Alla. Hekk kiteb wieħed pellegrin Taljan: "Għażiż pellegrin li qed tfittex lil Alla fis-sikta u d-dalma tal-lejl, nawguralek li inti wkoll tiltaqa' ma' Alla, kif jien iltqajt miegħu u biddilli ħajti! Iva, il-Mulej ġeddidli qalbi biex inkun nista' nħobb kif iħobbna Hu!''.

Wasalna biex nibdew flimkien mal-Knisja universali s-*Sena tal-Fidi,* sena li, kif sejħilha l-Papa Benedittu XVI nhar it-8 ta' Settembru 2012, hija "sena ta' grazzja''. Hi sena li fiha l-Papa jpoġġilna quddiem għajnejna l-figura tal-Verġni Marija bħala mudell ħaj għall-mixja tagħna tal-fidi. Iva, għaliex għalkemm Marija hija l-mara *per eccellenza* tal-Fidi fi Kristu, fl-istess ħin hija membru ħaj tal-Knisja u hija wkoll bħal kull Nisrani mxiet il-pellegrinaġġ tagħha tal-fidi. Fil-fatt il-Papa jistqarr: "Il-fidi ta' Marija timxi qabilna u takkumpanjana bħal fanal li jdawwal u bħala mudell ta' milja u maturità Nisranija li lejh inħarsu b'fiduċja u li minnu nieħdu entużjażmu u ferħ biex ngħixu b'impenn dejjem ikbar u b'koerenza s-sejħa tagħna ta' wlied Alla, ta' aħwa fi Kristu, membri ħajjin tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja'' (ara d-diskors f'paġna 14 ta' din il-ħarġa).

Hu għalhekk li f'dawn il-ġimgħat, fil-bidu tat-triq li twasslek Ta' Pinu, eżattament taħt is-siġra tal-awrekarja, ser jitwaħħal il-*Monument tal-Pellegrin.* Dan qed jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex bħala parti mill-iskema "Arti Pubblika f'Għawdex'' imnedija mill-istess Ministeru bħala parti mill-proġett *ekoGħawdex.* Dan il-monument, maħdum fil-blat taż-żonqor Għawdxi u mżejjen bil-mużajk, huwa disinn tal-artist Għawdxi Dun Roberto Gauci. F'din il-ħarġa Dun Roberto jagħti tifsira tassew sabiħa ta' dan ix-xogħol.

Hekk issa s-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, bħal ħafna santwarji oħra mxerrda mad-dinja kollha, ser ikollu monument li bih jitfakkru dawk il-pellegrini kollha li tul iż-żminijiet terrqu lejn dan is-santwarju Marjan biex jitolbu u jirringrazzjaw lil din l-Omm tas-Sema. Dan ix-xogħol artistiku, li huwa f'forma ta' salib u li fih hemm il-figura tal-Verġni Marija li qed turi t-Triq, irid iffakkarna li aħna lkoll pellegrini u li bħal Marija u bl-għajnuna tagħha dawk kollha li jemmnu jsibu l-paċi ta' qalbhom fil-mixja ta' din il-ħajja li ssib il-qofol tagħha fis-Sema. Il-Madonna Ta' Pinu, Omm il-Maltin u l-Għawdxin kollha, tkompli timxi magħna u timla l-qalb ta' kull bniedem bl-entużjażmu u bil-ferħ fil-mixja tagħna wara Kristu, biex hekk nitħeġġu u nikbru aktar fl-imħabba tagħna ta' aħwa. ◆

# Il-Pellegrinaġġ tal-Fidi tal-Verġni Marija

**minn Mons. Lawrenz Sciberras**



Kien nhar is-16 ta' Ottubru 2011 li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI ħabbar b'mod uffiċjali li fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-bidu tal-Konċilju Vatikan II se jiddedika Sena tal-Fidi. Il-ftuħ ta' din is-sena se jkun nhar il-11 ta' Ottubru 2012 u tagħlaq bis-solennità ta' Kristu Sultan f'Novembru 2013. Din l-aħbar hekk kbira u eċċitanti għall-Knisja ngħatat waqt l-omelija ta' Quddiesa fl-għeluq tal-Ewwel Laqgħa Internazzjonali organizzata mill-Kunsill Pontifiċju għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida. L-għada stess il-Papa ħareġ l-Ittra Appostolika *Porta Fidei*, jew "Il-Bieb tal-Fidi", fejn indika din is-Sena tal-Fidi u wera liema huma l-għanijiet prinċipali ta' din is-sena "ta' grazzji speċjali". Din l-ittra appostolika tqassmet lill-medja kollha f'diversi ilsna.

Preċiżament fl-aħħar sentenza ta' din l-ittra appostolika, il-Papa jafda lill-Knisja b'mod sħiħ f'idejn Omm Alla, l-Imqaddsa Marija, li ġiet ipproklamata "hienja" minn qaribtha stess Eliżabetta f'Għajn Karim, u dan għaliex Marija min-naħa tagħha *emmnet* dak kollu li ntqalilha min-naħa tal-Mulej. U fuq dan il-ħsieb prinċipali ta' Marija bħala l-ewwel pellegrina tal-fidi aħna se nibnu dan l-artiklu tagħna.

## Abraham, Missierna tal-Fidi

Bla dubju ta' xejn wieħed mill-persunaġġi dominanti tat-Testment il-Qadim li tħarrġu sew fil-mixja tal-fidi kien il-Patrijarka Abraham. Il-Papa Benedittu jsemmih lil dan il-persunaġġ fl-ittra appostolika tiegħu bħala xempju tal-fidi. Dan il-bniedem, li kien jgħix fil-belt famuża ta' Ur tal-Kaldej, ftit il bogħod minn fejn illum hemm Bagdad, *Alla sejjaħlu biex jibda mixja lejn art oħra* 'l bogħod, art barranija għalih, art li ma kien jaf xejn dwarha. Imma Abraham, li kif isejjaħlu San Pawl huwa "missier ta' dawk li jemmnu" (Rum 4:11), intelaq sħiħ f'Alla. U għaliex għamel dan kollu, Alla ppremjah bil-kbir sa minn din id-dinja stess.

Fl-Ittra lil-Lhud naqraw hekk: "Kienet *il-fidi li ġiegħlet lil Abraham jobdi* s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn sejjer" (Lhud 1:8). Il-fiduċja ta' dan il-Patrijarka f'Alla laħqet il-qofol tagħha meta wera li kien lest jobdi l-ordni ta' Alla u joffrilu lil ibnu l-waħdieni Iżakk fuq

il-muntanja Morija, meta fih kien qed jara t-tama sħiħa tiegħu f'numru kbir ta' wlied kif ħabbarlu Alla nnifsu. Madankollu Abraham intelaq sħiħ fil-fidi u fil-kelma ta' Alla.

## Il-mixja ta' fidi f'Marija

Meta wieħed jitkellem dwar il-virtù teologali tal-fidi, dan irid jiftakar fil-telqa sħiħa u totali tal-individwu f'Alla. Din il-virtù hija l-pedament li fuqu jinbnew il-virtujiet l-oħra kollha. Min ma jemminx sħiħ f'Alla u fil-ġudizzju ġust tiegħu, ma jasal qatt biex jipprattika l-virtujiet l-oħra; ngħidu aħna l-maħfra, il-paċenzja, ir-rażan, l-ubbidjenza u l-bqija. Il-ħajja u l-imġiba tan-Nisrani jduru ma' kemm huwa għandu fidi.

Xempju ta' dan hija l-Verġni Marija. Hija ma waqfet qatt temmen fil-milja tal Kelma ta' Alla. Għalhekk il-Knisja tqim f'Marija *l-iktar realtà ċara tal-fidi.* "Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej" (Lq 1:45). Issa biex Marija, din il-mara tal-fidi, setgħet "temmen" tassew fil-Kelma ta' Alla li kienet għadha kemm waslitilha (ara Lq 1:26-38), hija kellha bżonn ta' dawl u għajnuna speċjali. Marija kellha dan kollu għaliex kienet il-mimlija bil-grazzja. Hekk sellmilha l-arkanġlu Gabrijel meta wasslilha l-messaġġ divin: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek" (Lq 2:28).

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kapitlu 8 tal-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium* jgħidilna hekk dwar Marija fil-mixja tagħha tal-fidi: "Hekk ukoll il-Verġni Mqaddsa *mxiet 'il quddiem fil-pellegrinaġġ tagħha ta' fidi* u żammet bil-fedeltà l-għaqda tagħha ma' Binha sas-salib, fejn mhux mingħajr il-pjan ta' Alla, hi baqgħet wieqfa hemm" (58). Din il-fidi ta' Marija nistgħu nqabbluha mal-fidi ta' Abraham. Fil-pjan tas-salvazzjoni kif irrivelat minn Alla, il-fidi ta' Abraham hi l-bidu tal-Patt il-Qadim; bil-fidi tagħha fit-Tħabbira tal-Anġlu, Marija emmnet li bil-qawwa tal-Għoli, bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu, sa tkun Omm l-Iben ta' Alla, skont ma ħabbrilha l-anġlu: "Dak li jitwieled minnek ikun qaddis



u jissejjaħ Bin Alla" (Lq 1:35) (ara Ġwanni Pawlu II, *Omm il-Feddej*, 13).

Għalhekk Marija hija *d-dawl fil-mixja tal-Fidi.* U dan għaliex hija kienet taf min hu tassew Binha. Anzi, ħadd daqsha ma kien jaf dan kollu. Madankollu Marija kellha tistenna għal snin twal u hemm f'darha ta' Nazareth, mimlija fidi, "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq 2:51).

## Marija l-*"Hodigritia"*

Wieħed mit-titli sbieħ u teoloġikament tassew joqogħdu lil Marija huwa dak li tagħtiha l-Knisja Griega: *"Hodigritia"*. Dan ifisser li Marija *turina t-Triq tal-Fidi.* Kienet Marija l-ewwel li mxiet it-triq tal-fidi tagħha minn Nazareth sa Għajn Karim biex hemm tifraħ, issellem u tgħin lil qaribtha Eliżabetta. Li kieku Marija ma kellhiex fidi sħiħa u ma emmnitx sal-qiegħ kliem Gabrijel, ix-Xebba ta' Nazareth qatt ma kienet: l-ewwel, temmen

li qaribtha fi xjuħitha issa saret omm, anzi diġà b'sitt xhur tqala; u t-tieni, titlaq biex tagħmel vjaġġ kważi kollu bil-mixi ta' madwar mija u tletin kilometru, jew tmenin mil!

Sant'Ambroġ, dejjem biex joħroġ għad-dawl il-fidi u l-abbandun totali tax-Xebba ta' Nazareth għall-istedina ta' Alla, jikkummenta kliem il-Vanġelu meta jgħid li Marija "qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet" (Lq 1:39). Sant'Ambroġ ikompli jgħid għaliex *il-grazzja tal-Ispirtu ma tafx titlajja*, ma tafx tintelaq, ma tafx tiddubita mill-messaġġi ta' Alla. Hekk kienet Marija: mimlija fidi u telqa f'Alla, tant li telqet għal matul it-triq żgura u persważa li sa ssib dak li qalilha Gabrijel.

### Il-mara li emmnet tassew

Hawn għandna preċiżament "mixja ta' fidi" f'Omm Alla. Din hija l-mara li emmnet, il-mara li mxiet it-triq, il-*Hodigritia*, mimlija fidi u telqa f'kelmet Alla mwassla lilha permezz ta' Gabrijel.

Biex Marija setgħet tagħmel dan il-vjaġġ ta' riskju imma wkoll ta' fidi, din ix-xebba rħiet lilha nfisha kollha kemm hi f'idejn Alla u qagħdet għalih bl-ubbidjenza tal-fidi (Rum 16:26) tagħha. Marija wriet l-ubbidjenza tal-fidi tagħha lejn Dak li kellimha permezz tal-anġlu tiegħu. Hi għalhekk wieġbet bil-"jien" kollu tagħha ta' bniedma u ta' *mara mitluqa sħiħ fil-providenza ta' Alla* ta' missirijietha. Din it-tweġiba tal-fidi tagħha kienet tħaddan kemm koperazzjoni sħiħa "mal-grazzja ta' Alla li tingħata qabel u tkompli tgħin", u kemm ftuħ sħiħ għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu "li bla heda jwassal għall-perfezzjoni l-fidi bid-doni tiegħu" (*Lumen Gentium*, 52).

### Konklużjoni

L-Appostlu Pawlu fl-Ittra tiegħu lir-Rumani jikteb hekk dwar il-virtù teologali tal-fidi: "Il-fidi mela tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (10:17). Naturalment, matul din is-Sena tal-Fidi mnedija mill-Papa Benedittu se jkun hemm bosta okkażjonijiet fejn wieħed jisma' l-Kelma ta' Alla. Kull djoċesi qed tħejji pjan sħiħ biex tilħaq dan il-għan.

Imiss issa lilna li kull meta ssir xi stedina biex wieħed jersaq ħalli bil-libertà kollha tiegħu jisma' l-Kelma ta' Alla u hekk jikber fil-fidi tiegħu, *ma nintelqux u ma nittraskurawx is-sejħa li jkun jagħmlilna l-Mulej*. Marija, il-Mara tal-Fidi, tweżinna biex nieħdu deċiżjonijiet għaqlin u hekk bħalha u magħha nikbru tassew fil-fidi tagħna, dik il-fidi li nżergħet fi qlubna bis-sagrament tal-Magħmudija. ♦

**TINSIEX tħallas *l-Abbonament***
**fir-rivista għas-sena 2012**




**Abbonament**
**għas-sena 2012**

- Lokali: **€6.00**
- Ewropa: **€14.00**
- Barra mill-Ewropa: **€18.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.*

# Marija: Mudell u Gwida fil-Pellegrinaġġ tal-Fidi tagħna

minn Mons. Renato Borg

ANNO DELLA FEDE 2012 2013

Fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi li għandha tiftaħ f'Ottubru li ġej, ħsibna li tkun ħaġa xierqa li niddedikaw xi artikli li jitfgħu dawl u jkunu ta' riflessjoni għalina lkoll dwar Marija, mudell u gwida tal-fidi tagħna. Fil-fatt il-Papa Benedittu XVI fil-Motu Propju *Porta Fidei* tal-11 ta' Otubru 2011, li bih ħabbar din is-Sena tal-Fidi, juri lil Marija bħala dik li l-ewwel laqgħet il-fidi u għexitha f'ħajjitha. Huwa jgħid: "Għall-fidi, Marija laqgħet il-kelma tal-anġlu u emmnet fit-tħabbira li kellha ssir Omm Alla, fl-ubbidjenza li tagħti lilha nfisha kollha kemm hi lil Alla (ara Lq 1:38). Meta żaret lil Eliżabetta, għolliet l-għanja tagħha ta' tifħir lil Alla l-Għoli għall-ħwejjeġ kbar li wettaq fiha għax kienet tafda fih (ara Lq 1:46-55). B'ferħ u biża' tat id-dawl lill-Iben waħdieni tagħha, filwaqt li ħarset il-verġinità tagħha (ara Lq 2:6-7). Filwaqt li fdat f'Ġużeppi, l-Għarus tagħha, ħadet lil Ġesù fl-Eġittu biex salvatu mill-persekuzzjoni ta' Erodi (ara Mt 2:13-15). Bl-istess fidi hija mxiet wara l-Mulej fil-predikazzjoni u baqgħet miegħu sa fuq il-Golgota (ara Ġw 19:25-27). Bil-fidi Marija ggustat il-frott tal-Qawmien ta' Ġesù, u billi żammet f'qalbha dak kollu li għaddiet minnu (ara Lq 2:19,51), għaddietu lit-Tnax miġburin magħha fiċ-¬enaklu biex jirċievu l-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1:14;2,1-4).[1] Mhux ta' b'xejn li l-Papa jafda din is-Sena tal-Fidi, żmien ta' grazzja, f'idejn Marija Omm Alla, imsejħa "imbierka" għaliex "emmnet" (Lq 1:45)![2]

L-Isqof Bruno Forte, fl-Ittra Pastorali tar-Randan 2012, kiteb lill-Insara tad-djoċesi tiegħu riflessjoni dwar "Marija ta' Nazareth: Verġni, omm u għarusa", f'rabta mas-Sena tal-Fidi: "L-eżempju tagħha ta' waħda li temmen, l-uniċità tagħha ta' Omm tal-Iben ta' Alla li ġie fil-ġisem, l-interċessjoni tagħha quddiem il-Mulej, jgħinuna lkoll biex inħeġġu mill-ġdid il-fidi tagħna, biex nikbru fiha u biex nagħtu xhieda tagħha quddiem l-oħrajn, speċjalment quddiem dawk li ma rċivewx dan ir-rigal tal-fidi".[3]

Nistgħu ngħidu li fil-paragrafu li fih il-Papa Benedittu XVI jitkellem dwar il-fidi ta' Marija, huwa jippreżentalna diversi kwadri jew episodji mill-ħajja ta' Marija li juru tassew kemm kienet mara ta' fidi. Dak li ser

naghmlu fl-artikli li jmiss huwa li nieħdu dawn il-ġrajjiet biex iservuna ta' kontemplazzjoni u ta' meditazzjoni fil-pellegrinaġġ tal-fidi tagħna, pellegrinaġġ li l-Verġni Mbierka diġà għaddiet minnu u waslet għall-milja tiegħu, anzi hija għalina l-kewkba li ddawwalna matul il-pellegrinaġġ biex turina fejn irridu naslu u hekk ma nitilfux it-triq, li xi minn daqqiet kapaċi tkun iebsa u mdallma. Anki f'dan is-sens, Marija hija figura tal-Knisja li fiha diġà twettaq dak li għandu jseħħ fil-Knisja.

Il-Beatu Ġwanni Pawlu II josserva li l-ewwel beatitudni li tinsab fil-Vanġelu hija dik tal-fidi, u tingħad minn Santa Eliżabetta b'riferenza għal Marija: "Hienja dik li emmnet" (Lq 1:45).[4] Min kienet din it-tfajla, Marija, qabel ma l-anġlu ħabbrilha li kellha ssir Omm Alla? L-Isqof Bruno Forte jsejħilha "mara Lhudija li kellha fidi profonda".[5]

Marija hija żagħżugħa Lhudija li temmen, familjari mal-lingwaġġ Bibliku, kif juri l-fatt li fir-rakkont tat-Tħabbira tal-Anġlu l-kelmiet tiegħu jirriżultaw immedjatament komprensibbli minħabba r-riferenzi għall-Profeti.[6] Hija mara li temmen u tosserva b'mod attent it-Torah. Biżżejjed wieħed jaħseb kif ħarset il-liġi tal-purità ritwali, tant li waslet biex tiled fi stalla, biex ma ttebbax "il-lukanda" u hekk ma teskludix il-lukanda għal dawk li jkunu jridu jmorru fiha għaż-żmien kollu tal-purifikazzjoni. "U wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" (Lq 2:7). Skond Bruno Forte, l-aħħar frażi "ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" għandha tinqara "għaliex il-post tagħhom ma kienx fil-lukanda", minħabba li kienet ser tiled.[7] Eżempju ieħor huwa l-osservanza tal-purifikazzjoni ritwali wara li mara tiled: "Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-Liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej, kif hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej, li 'kull tifel li jitwieled l-ewwel, jiġi kkonsagrat lill-Mulej', u biex joffru b'sagrifiċċju 'par gamiem jew żewġ bċieċen', kif jingħad ukoll fil-Liġi tal-Mulej" (Lq 2:22-24).



L-ispiritwalità ta' Miriam hija dik tax-*"Shema"*, jiġifieri tas-smigħ ubbidjenti għal Alla l-waħdieni, għaliex jitkellem meta u kif irid mal-qaddejja tiegħu u jagħmel magħha l-opri tiegħu: f'dan, Marija titpoġġa fil-grad ogħli tal-ispiritwalità Biblika tal-istennija u tal-aċċettazzjoni tal-Kelma ta' Alla. Dan nistgħu narawh fix-xena tal-adorazzjoni tar-rgħajja, fejn Marija hija l-protagonista, siekta u miġbura, li "baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2:19).

Din l-espressjoni tfakkar f'atteġġjament għażiż għat-tradizzjoni Lhudija: li jiftakru u jgħaqqdu flimkien bejniethom il-ġrajjiet li jgħaddu minnhom, li fihom jidher il-pjan misterjuż tal-Għoli. F'dan jikkonsisti propjament l-istudju tat-Torah u l-Grieg *"symballousa"* – "timmedita", issejjaħ dan l-atteġġjament ta' konfront, intelliġenza, ġudizzju, deċiżjoni. Dan huwa atteġġjament kostanti f'Marija (2:51), li propju hekk tħalli lill-Iktar Għoli jmexxiha b'mod doċli.

Marija hija l-mara li temmen u tirrifletti, li tintelaq għall-Etern b'ħasba serja. Barra minn hekk, dan huwa l-mudell tal-femminiltà fit-tradizzjoni Lhudija: il-mara taf toqgħod



qrib tal-Leħen li ma jidhirx, u dan jimliha bil-ferħ li taf li hija maħbuba mill-Għoli. Marija hija l-mara tal-ferħ li tagħti xhieda fil-kant tal-*Magnificat*: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi... għax hu ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu'' (Lq 2:46-48). L-atteġġjament interjuri tagħha huwa espress tajjeb f'din l-għanja, li ssejjaħ is-salmi tal-*"anawim"*, il-"foqra'' li jafdaw biss fil-Mulej, u l-kantiku ta' Anna (1 Sam 2: 1-10), li jiftaħ b'doċilità għas-sorpriża ta' Alla imma fl-istes ħin juri l-fidi profonda ta' din il-mara Lhudija li kapaċi tingħata kompletament lill-Etern.

Fl-iskola ta' Marija nitgħallmu l-primat tad-dimensjoni kontemplattiva tal-ħajja, dak li kontinwament nilqgħu l-inizjattivi tal-Mulej, li jikkonsisti filli nħalluh iħobbna u nkunu mmexxija b'mod doċli minnu. Nitgħallmu minn Marija nużaw il-qawwa tal-moħħ u tal-qalb biex inwieġbu lill-Imħabba bl-imħabba u nimxu 'l quddiem b'fedeltà sħiħa fil-lejl tal-fidi. Hekk il-pellegrinaġġ tal-fidi tagħna jkun jista' jiċċara dejjem iżjed fit-tifkira tal-*"mirabilia Dei"* (il-ħwejjeġ kbar ta' Alla) għalina u għall-poplu tiegħu.

F'din l-ewwel parti, fejn tajna ħarsa ħafifa lejn il-mara Lhudija li temmen, kemm nistgħu nitgħallmu minnha! Nista' ngħid li bħal fil-ħajja ta' Marija, il-Mulej Alla l-Għoli hu



l-Mulej u s-Sid ta' ħajti? Jew hemm allat oħra li qegħdin imexxuni fil-pellegrinaġġ tal-ħajja? Biex il-ħajja tiegħi tkun pellegrinaġġ tal-fidi, irid ikun il-Mulej is-Sid taż-żmien u ta' dak kollu li nagħmel. Jiena xejn doċli għall-azzjoni tiegħu, għall-kelma tiegħu u għas-skiet tiegħu? Il-mistoqsija tidher iktar iebsa meta ngħaddu minn ċerti mumenti diffiċli ta' tbatija u ta' mard, mumenti li fihom ma jirnexxilniex nilmħu l-id ta' Alla u lanqas nisimgħu s-skiet tiegħu. Dan jgħodd ukoll għal meta l-Knisja twasslilna l-Kelma ta' Alla, għax Kristu nnifsu qal: "Min jisma' lilkom, jisma' lili''.

Għalhekk, fil-pellegrinaġġ tal-fidi tagħna tajjeb ukoll li nistaqsu jekk aħniex doċli għat tagħlim tal-Knisja, b'mod partikolari f'dawk l-affarijiet fejn mal-Appostli ngħidu: "Iebes dan il-kliem'', jew: "Jekk l-affarijiet huma hekk, ikun aħjar li wieħed ma jiżżewweġ xejn'' (hekk insibu f'San Mattew li qalu d-dixxipli meta Kristu tkellem dwar il-problema tad-divorzju). X'inhu li qiegħed imexxina fil-ħajja tagħna: il-Kelma ta' Alla jew il-kelma tal-bniedem, jekk mhux ukoll l-aptit li nkunu għaddejjin minnu?

Nitolbu lill-Verġni Mbierka biex bħalha nsiru midħla tal-Kelma ta' Alla ħalli nagħrfu niddixxernu r-rieda tiegħu u nwettqu flimkien miegħu l-pjan tiegħu ta' mħabba għalina u għal dawk kollha li huma fdati f'idejna, anki quddiem mumenti diffiċli bħal dawk li bħalissa s-soċjetà tagħna għaddejja minnhom.♦

---

**Riferenzi**


1 Benedittu XVI, Motu Propju *Porta Fidei*, 11 ta' Ottubru 2011, 13.

2 Ibid, 15.

3 Bruno Forte, Ittra Pastorali *Marija ta' Nazareth: Verġni, omm u għarusa*, 20 ta' Marzu 2012.

4 Ġwanni Pawlu II, Katekeżi *Marija, mudell u gwida tal-fidi*, 6 ta' Mejju 1998.

5 Bruno Forte, Meditazzjoni lill-Kleru ta' Chieti, 11 ta' Mejju 2010, 1.

6 Isaija 7:14 f'Luqa 1:31, u Sofonija 3:14-17 u Żakkarija 9:9 f'Luqa 1:28: "*Kairè, ifraħ, mimlija bil-grazzja...*''.

7 Bruno Forte, Meditazzjoni, Ibid.

# Talba tal-Pellegrin

*Omm tiegħi, Marija, mis-Santwarju tiegħek Ta' Pinu*
*għadha tidwi l-istedina tiegħek: "Ejja... Ejja... Ejja"!*
*Għalhekk hawn jien ġej għandek biex nibda dan il-pellegrinaġġ*
*flimkien ma' ħuti lejn is-Santwarju tiegħek.*
*Ħa jkunu l-passi tagħna mdawla bin-nar tal-Ispirtu,*
*imqawwija bil-Kelma ta' Ibnek,*
*u mimlija bil-preżenza u l-imħabba ta' Alla l-Missier*
*li magħna jimxi t-triq tal-ħajja.*

*O Mara tal-Fidi, tul il-mixja tal-ħajja*
*spiss jirbħu fuqna l-għeja u l-qtigħ il-qalb.*
*Inti li b'rieda sħiħa u qawwija fit-tama*
*mxejt il-Pellegrinaġġ tal-Fidi,*
*kabbarna fil-fidi u ħeġġiġna fl-imħabba lejn [illegible].*

*Omm vera tagħna li tisma' l-karba ta' wliedek,*
*int taf sew liema huma ħtiġijietna;*
*ninsabu bil-għatx għall-ferħ, għall-paċi*
*u għall-ġustizzja,*
*għatxana għall-Imħabba u għall-maħfra.*
*Mexxina lejn l-ilma ħaj li jnixxi għalina*
*fil-misteri qaddisa ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa,*
*għax tassew kull persuna hi milqugħa*
*u maħbuba minn Alla.*

*O Madonna Ta' Pinu, ġejjin għandek*
*għax nixtiequ li għal ftit hin*
*għajnejna jiltaqgħu ma' tiegħek*
*ħalli nġarrbu l-wens tiegħek.*
*U meta naslu biex immorru lura,*
*aħna ser niħduk f'qalbna u fil-familji tagħna.*
*Żommna, mela, taħt ħarstek ħanina.*

*Omm ta' Alla u Omm il-bnedmin kollha,*
*imsebbħa fil-glorja tas-Sema,*
*itlob għall-popli kollha ħa jingħaqdu fl-hena,*
*fil-paċi u fil-ftehim, f'poplu wieħed ta' Alla,*
*għall-glorja tat-Trinità Qaddisa Alla wieħed.*

*Amen.*



*Tkun ħaġa xierqa li din it-talba tingħad fil-bidu ta' kull pellegrinaġġ li jsir lejn is-Santwarju Ta' Pinu biex hekk il-pellegrini jiskopru s-sbuħija vera tal-pellegrinaġġ u jiksbu kull ġid spiritwali.*



# Is-Salib tal-Pellegrin

minn Dun Roberto Gauci

L-idea li jitwaqqaf dan il-monument fit-triq li tieħu għas-Santwarju Ta' Pinu kienet biex jitpoġġa sinjal fil-post minn fejn tradizzjonalment jitilqu l-pellegrinaġġi għas-santwarju, l-aktar fl-Erbgħat tal-Madonna. Imma minn barra dan il-ħsieb, kien hemm ukoll ix-xewqa li permezz tal-estetika Kristjana tinħoloq xbieha li tesprimi l-ispiritwalità tal-pellegrinaġġ bħala ikona tal-ħajja Nisranija.

L-idea bażika tal-monument kienet ispirata mill-*High Cross* tipikament Irlandiż. Dawn is-slaleb monumentali jinsabu mxerrdin mal-Irlanda kollha, u kienu jitwaqqfu biex jimmarkaw postijiet reliġjużi importanti bħal monasteri u santwarji. Ħafna minn dawn il-monumenti huma ta' qies impressjonanti, iddekorati bi skultura ta' stil ¬eltiku u spiss fihom rikkezza ta' kontenut teoloġiku. Ħsibt li din l-idea tintegra tajjeb ukoll fit-tradizzjoni tagħna. Fil-fatt kienet użanza komuni ħafna fis-sekli mgħoddija li jitwaqqaf salib fil-viċin tal-knejjes tagħna biex juri l-preżenza ta' post qaddis. Ħafna minn dawn għadna nistgħu narawhom fit-toroq u l-pjazez ta' diversi bliet u rħula.

Il-ħsieb żviluppa f'idea ta' salib monumentali tal-ġebla ddekorat bil-mużajk. Id-disinn jgħaqqad flimkien element ikonografiku, u allura figurattiv, ma' motivi ta' xejra astratta, li bil-kulur u l-moviment iqanqlu s-sentimenti u joħolqu spazju għar-riflessjoni. L-iskop tal-estetika Kristjana huwa li joffri l-ġmiel, mhux bħala ornament imma bħala atmosfera fejn il-bniedem jintrefa' lejn Alla li hu l-ġmiel innifsu. F'dan is-sens, anki l-ġmiel tal-kulur fih innifsu, id-dija tad-deheb, is-sempliċità tal-ġebla, isiru lkoll sfumaturi tal-ġmiel ta' Alla.

Fil-parti ta' isfel tas-salib tidher ix-xbieha tal-Madonna tat-tip *Hodegetria* – il-Verġni Omm Alla li turi t-Triq. Din ix-xbieha hija meħuda mill-ikonografija Kristjana, l-aktar mill-ikona tal-Madonna ta' Aracæli f'Ruma. Il-Madonnna tidher f'pożizzjoni ta' moviment 'il quddiem, filwaqt li b'id waħda tindika t-triq u bl-oħra tagħmel ġest ta' benedizzjoni u protezzjoni. Il-ħarsa hi waħda penetranti imma fl-istess ħin mimlija ħlewwa li tiġbed



l-attenzjoni. Il-figura hija espressa f'termini kontemporanji, bil-panneġġi jiffurmaw għadd ta' linji kurvi li jagħtu dinamiżmu lill-figura.

Marija hija l-ewwel pellegrin. Hija l-ewwel dixxiplu ta' Kristu, għax bil-fidi u l-ubbidjenza tagħha mxiet warajh sal-aħħar. Il-fidi toħloq moviment – il-fidi hija dinamiżmu; ma tħallix il-bniedem fejn kien, imma tiftaħlu orizzonti ġodda u tpoġġih f'mixja. Abraham, missierna fil-fidi, irċieva kelma: "Qum u itlaq… lejn l-art li nurik jien" (Ġen 12:1). Marija wkoll, wara li kellimha l-anġlu, kif jgħidilna l-Vanġelu ta' San Luqa, "qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet" (Lq 1:39).

Il-pellegrin, imqanqal mill-fidi, iħalli daru u l-ħajja ta' kuljum biex imur jiltaqa' mad-Divin. L-idea ta' pellegrinaġġ hija waħda mill-forom ritwali l-aktar antiki fir-reliġjonijiet. Huwa l-bżonn li jħoss il-bniedem li joħroġ mill-ambjent tiegħu biex jidħol f'relazzjoni ma' Essri li huwa 'l fuq minnu. Hija esperjenza intensa, sabiħa u tremenda meta l-bniedem jiltaqa' ma' Alla. Imma l-pellegrinaġġ huwa wkoll xbieha tal-pellegrinaġġ interjuri li jagħmel il-bniedem. Il-Kristjan jaf li ħajtu mhix sempliċiment suċċessjoni ta' ġrajjiet, sbieħ u koroh, li xi darba jiġu fi tmiemhom bil-mewt. Il-Kristjan jaf li ħajtu għandha skop: li jasal għand Alla. F'dan is-sens, il-ħajja kollha hija pellegrinaġġ. Huwa dak li jgħid San Pawl: "Aħna pajżani tas-Sema" (Fil 3:20).

Marija hija x-xbieha perfetta tal-pellegrin. Hija l-mara li b'mod sħiħ u perfett imxiet wara Kristu – għalhekk hija l-Immakulata, il-mimlija bil-grazzja. Marija hija dik li bil-fidi tagħha għamlet lil Kristu preżenti fid-dinja, meta f'għaqda sħiħa mal-pjan ta' Alla hija nisslitu fil-ġuf tagħha; u għalhekk insejħulha Omm Alla. Marija hija wkoll l-ewwel waħda li daħlet fis-santwarju ta' dejjem, għax hija ġiet meħuda fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Għalhekk Marija ssejħilna biex magħha u bħalha nimxu l-istess triq. Bil-ġest tagħha hija turina t-Triq vera, it-Triq tal-ħajja li hu Kristu nnifsu. F'Kana tal-Galilija, Marija tħallilna kelma: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu" (Ġw 2:5).

Il-Knisja – li hija aħna lkoll – bħal Marija hija pellegrina. Il-Knisja hija l-ewwel nett il-ġemgħa li tisma' s-sejħa ta' Alla u tilqagħha. Il-Knisja wkoll, bħal Marija, tagħmel lil Kristu preżenti fid-dinja, billi xxandru fil-Kelma, tiċċelebrah fil-Liturġija u taqdih fil-foqra. Il-Knisja wkoll tħares lejn Marija u tara fiha wegħda – li xi darba għad inkunu lkoll ħaġa waħda fi Kristu fil-glorja. Kull Kristjan jista' jħares lejn din l-Omm u





fiha jara dak li għandu jkun hu. Din l-Omm issejħilna biex aħna wkoll naqbdu din it-Triq. Hija triq li toħroġna mill-iskjavitù tagħna, mir-rabta tagħna mal-passjonijiet, mill-ħakma tad-dnub u l-mewt... Hija triq li mhix dejjem ħafifa: titlob li wieħed jiċħad lilu nnifsu u jerfa' salibu. Iżda hija triq li tieħu għall-Ħajja, u l-ħajja ta' dejjem. Fuq din il-linja, il-parti ta' fuq tal-monument hija ddekorata b'motivi u lwien li jirriflettu t-tema tal-Eżodu.

Il-lewn ikħal huwa kulur li jesprimi fond. L-ikħal hu kulur li minnu nnifsu jirtira lura. Huwa l-kulur tal-baħar u tal-abbissi. Dan il-baħar, bit-taqlib tiegħu, fis-simboloġija antika huwa xbieha tal-kaos u l-mewt. Fit-tieni jum tal-ħolqien (Ġen 1:9) Alla jiġma' l-ilmijiet fuq naħa waħda biex jidher l-inxief li hija l-art, il-post fejn seta' jgħix il-bniedem. Fl-Eżodu dan il-baħar jinferaq biex Israel jgħaddi ħieles mill-inxief bla ma jiġrilu ħsara. Ġona mitfugħ fil-baħar jitlob minn żaqq il-ħuta: "Inti tfajtni fil-qiegħ ġo nofs il-baħar u l-wied dar miegħi. L-imwieġ il-kbar u l-ħalel għaddew minn fuqi... Dawruni l-ilmijiet, sa għoddhom fgawni, l-abbiss dar miegħi... Imma int tellejtni minn ġol-ħofra, Mulej Alla tiegħi" (Ġon 2). Ġesù, l-Iben ta' Alla, ukoll jinżel f'dan l-abbiss u l-mewt: "...tneżża' minn kollox u ħa n-natura ta' lsir... sar ubbidjenti sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil 3:6-8). Ġesù minn fuq is-salib jgħajjat lill-Missier: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" (Mt 27:46). Dak li ma kienx jaf x'inhi mewt, ħa l-mewt fuqu, biex bil-qawmien glorjuż tiegħu jqaċċat l-irbit ta' din il-mewt. Il-mewt ta' Kristu ssir il-bidu ta' ħajja ġdida għal dawk li fil-Magħmudija jingħaqdu miegħu fil-mewt tiegħu biex jgħixu ħajja gdida (Rum 6:3-4). Għalhekk minn bejn l-imwieġ skuri tal-baħar ifeġġu bċejjeċ fiddiena ta' mużajk, li jħabbru li minn din il-mewt toħroġ ħajja ġdida. Hija l-Aħbar it-Tajba li l-bniedem huwa meħlus mill-mewt u l-kaos. Is-Saltna ta' Alla hija bħal xibka mitfugħa fil-abbiss ta' din id-dinja mqarrqa u konfuża (Mt 13:47), biex il-bniedem li jaqbad magħha jkun jista' jduq eżistenza ġdida u jibda jgħix ta' iben Alla.

Fuq it-tema tal-ikħal għandna wkoll xbieha simbolika tal-ġuf. Dan l-organu fil-ġisem tal-mara għandu l-ħila li jnissel il-ħajja, mhux minnu nnifsu, imma meta huwa fertilizzat miż-żerriegħa tar-raġel. Din ix-xbieha tfakkarna fil-ġuf ta' Marija, li għax ma tagħrafx raġel, huwa ġuf vojt. Iżda dan il-ġuf inissel il-Ħajja meta hija tilqa' fiha ż-żerriegħa tal-grazzja ta' Alla, u ġewwa fiha Kristu jsir preżenti. Anki l-bniedem, bħall-ġuf, għandu fih il-kapaċità u x-xewqa għall-ħajja. Imma din il-ħajja (fis-sens ontiku) il-bniedem ma jirċevihiex mill-bnedmin, imma hija don tal-grazzja. Il-bniedem li jemmen, titpoġġa fih żerriegħa li tikber fih bil-mod il-mod u li tittrasformah fi bniedem ġdid, xbieha ta' Ġesù Kristu. Il-kulur ikħal, skur u magħqud jiġi minfud minn raġġ ta' deheb. Is-sejħa Nisranija hija din il-vokazzjoni li bħal mara fit-tqala tindokra u tmantni lill-bniedem spiritwali li qed tikber ġewwa fih.

Il-ġebel goff u aħrax jesprimi d-deżert. Id-deżert huwa post ostili u skomdu, u għalhekk ipoġġi lill-bniedem fil-prekarjetà, iġagħlu jiggranfa ma' dak li hu essenzjali. Fid-deżert, il-libertà ta' Israel hija libertà li tiswa prezz u li titlob għażla: jew jimxi 'l

quddiem lejn il-wegħda, jew jerġa' lura lejn il-kumdità rħisa tal-jasar. Fid-deżert, Israel huwa mġarrab, u ħafna drabi toħroġ il-qalb iebsa tiegħu – igerger, jirribella, idur lejn l-idoli. Ġesù wkoll hu mġarrab fid-deżert. Quddiemu għandu għażla serja: jew ipoġġi ruħu fir-rieda tal-Missier, jew inkella jagħżel dak li jgħidlu x-xitan. Fid-deżert, Ġesù jagħmel dak li ma jagħmilx Israel: hu jibqa' fidil lejn is-sejħa tiegħu u joħroġ rebbieħ fil-kumbattiment. Id-deżert huwa xbieha tal-mixja tal-ħajja, mixja li mhux dejjem hija ħafifa, li titlob għażliet serji. Hija wkoll mixja li matulha mhux darba u tnejn naqtgħu qalbna, ifettlilna nerġgħu lura, ingergru, nagħmlu għażliet żbaljati... Imma din il-mixja, bil-provi tagħha, tifforma l-qalb tal-bniedem, taqtgħu mill-frugħa tad-dinja, u tgħinu jagħżel dak li hu essenzjali.

Imma f'dan id-deżert il-bniedem mhux waħdu. Alla nnifsu jmexxi lil Israel bil-kolonna tan-nar li timxi quddiemu, massa ta' deheb kollu dija u ilsna ħomor iserrpu bejn iż-żrar niexef. Id-deheb huwa dawl, jixbah id-dawl tax-xemx... fih kollox hu ċar u mdawwal. L-aħmar hu kulur attiv u mimli ħajja qisu nar iħeġġeġ. Huma l-kuluri tal-preżenza divina. Jekk il-pellegrin tal-ħajja għandu quddiemu kumbattiment serju, għandu wkoll il-preżenza ta' Alla li tmexxih, li ssabbru, li ddawlu. Din il-kolonna tan-nar hija l-Ispirtu s-Santu, li f'Għid il-Ħamsin jidher bħala ilsna tan-nar. B'dan in-Nar Divin il-bniedem mhu qatt imħolli waħdu fil-mixja tal-ħajja. Fil-fatt huwa permezz tad-don tal-Ispirtu s-Santu illi s-sens tal-ħajja huwa rivelat lill-bniedem. Id-dawl tal-Ispirtu huwa dak li jagħti sens lill-eżistenza tal-bniedem, saħansitra jagħti sens lit-tbatija, lill-inġustizzja, lit-tiġrib u lis-salib.

Il-parti ta' fuq tal-monument tieħu forma ta' salib, fejn dawn l-elementi kollha jingħabru flimkien. Il-mewt u l-ħajja huma mdawlin bl-Għerf ta' Alla. Huwa propju fil-Misteru tas-Salib – skandu għal-Lhud u bluha għall-Griegi – li jidhru l-Għerf u l-Qawwa ta' Alla. Il-Misteru Paskwali ta' Kristu għal dawk li jemmnu huwa l-qawwa ta' Alla (1 Kor 18-25). Għalhekk is-Salib, l-għuda tal-mewt, isir is-Salib Glorjuż, jew, kif isejjaħlu San Ġorġ Preca, il-Ktieb il-Kbir. Huwa fis-Salib ta' Kristu li aħna naraw id-destin tal-eżistenza umana: is-sejħa li mmutu miegħu f'mewt tixbah lil tiegħu, biex miegħu ngħixu ħajja ġdida.

Din il-ħajja ġdida hija l-iskop, id-destinazzjoni tal-pellegrinaġġ tal-ħajja. Din il-wegħda hija l-orjentament li lejh jimxi l-Kristjan. Il-mixja tal-ħajja mhix aktar mitlufa u bla direzzjoni. Quddiemna għandna Orjent ġdid li hu Kristu glorjuż, li għad irid jerġa' jiġi "bħax-xemx tielgħa" (Lq 1:78) biex jeħodna miegħu. Simbolu ta' din ix-Xemx huwa t-tond ħamrani mmarkat bil-*chrismon* (l-isem ta' Kristu) li jidher ifeġġ bejn il-friegħi tas-salib. Kull pellegrinaġġ għandu destinazzjoni, u l-pellegrin jifraħ meta biss jaħseb fih. Il-pellegrinaġġ tal-ħajja għandu destinazzjoni waħda: Kristu. Waqt li aħna għadna nterrqu f'din il-ħajja u nittamaw dak li ġejna mwegħdin, intennu bil-kliem tas-Salm: "Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti. Tixxennaq u tinfena ruħi għat-Tempju tal-Mulej!... Henjin dawk li jgħammru f'darek; huma jfaħħruk għal dejjem" (Salm 84).

Marija għamlet din il-mixja. Hija timxi quddiemna f'dan il-pellegrinaġġ interjuri. Lilha Alla ħelisha mill-kaos tad-dnub. Hija mxiet fidila fost it-tiġrib tal-ħajja, imdawla u mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Hija waslet fid-destinazzjoni finali tal-bniedem u daħlet issaltan fil-glorja ma' Kristu. Meta hija kienet taħt is-salib, ġiet mogħtija bħala Omm lid-dixxiplu l-maħbub, u dak id-dixxiplu ħadha għandu (Ġw 19:26-27). Marija ssejjaħ lilna, li aħna wkoll dixxipli tal-Mulej, biex magħha u bl-għajnuna tagħha nterrqu din it triq tal fidi. Bħalma sejħet lil Karmni, lilna wkoll tgħidilna kelma sempliċi: "Ejja!". ♦



# Diskors tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI lill-parteċipanti tat-23 Kungress Internazzjonali Marjoloġiku Marjan

## fil-Bitħa tal-Palazz Appostoliku ta' Castel Gandolfo,

## Is-Sibt, 8 ta' Settembru 2012

**miġjub għall-Malti minn Mons. Renato Borg**

Għeżież ħuti,

B'ferħ kbir nilqagħkom ilkoll kemm intom f'Castel Gandolfo, hekk kif it-23 Kungress Internazzjonali Marjoloġiku Marjan qed joqrob lejn tmiemu. Hu ħafna opportun li qed tirriflettu fuq is-suġġett: *"Il-Marjoloġija mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn. Kif ġiet milqugħa, Riżultati u Prospettivi"*, peress li resqin biex infakkru u niċċelebraw il-ħamsin anniversarju mill-bidu tal-ġrajja kbira li nfetħet fil-11 ta' Ottubru 1962.

Insellem mill-qalb lill-Kardinal Angelo Amato, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, President ta' dan il-Kungress; lill-Kardinal Gianfranco Ravasi, President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura u tal-Kunsill li jikkordina l-Akkademji Pontifiċji; kif ukoll lill-president u l-awtoritajiet akkademiċi tal-Akkademja Internazzjonali Pontifiċja Marjana, li lejha tmur il-gratitudni tiegħi għall-organizzazzjoni ta' din il-ġrajja importanti. Insellem lill-isqfijiet, lis-saċerdoti, lir-reliġjużi rġiel u nisa, lill-presidenti u r-rappreżentanti tas-Soċjetajiet Marjoloġiċi li huma preżenti, lill-istudjużi tal-Marjoloġija u, fl-aħħar, lil dawk kollha li qed jieħdu sehem f'dan il-Kungress.

Il-Beatu Ġwanni XXIII ried li l-Konċilju Vatikan II jinfetaħ fil-11 ta' Ottubru, fl-istess jum li fih, fis-sena 431, il-Konċilju ta' Efesu kien ipproklama lil Marija *"Theotokos"*, Omm Alla (ara AAS 54 ġ1962ħ, 67-68). F'dik iċ-ċirkustanza huwa beda d-diskors tiegħu bil-kelmiet sinifikattivi u programmatiċi: *"Gaudet Mater Ecclesia quod, singulari Divinæ providentiæ munere, optatissimus iam dies illuxit, quo, auspice Deipara Virgine, cuius materna dignitas hodie festo ritu recolitur, hic ad Beati Petri sepulchrum Concilium Œcumenicum Vaticanum Secundum sollemniter initium capit"* ("Ommna l-Knisja tifraħ għaliex, b'don speċjali tal-providenza divina, nistgħu ngħidu li wasal il-jum tant mixtieq li fih, taħt il-patrunaġġ tal-Verġni Omm Alla, li llum bil-ferħ tiġi ċċelebrata d-dinjità materna tagħha, ħdejn il-qabar ta' San Pietru, qed jingħata bidu solenni għall-Konċilju Ekumeniku Vatikan II").

Kif tafu, fil-11 ta' Ottubru li ġej, biex infakkru din il-ġrajja straordinarja, ser tinfetaħ solennement *Is-Sena tal-Fidi*, li ridt inniedi bil-Motu Propju *Porta fidei*, li fih nippreżenta lil Marija bħala mudell eżemplari tal-fidi, insejjaħ il-ħarsien u l-interċessjoni speċjali tagħha fuq il-mixja tal-Knisja, u nafdalha - hienja għax emmnet - dan iż-żmien ta' grazzja. Anki llum, għeżież uliedi, il-Knisja tifraħ fiċ-ċelebrazzjoni liturġika tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija, Kollha Qaddisa, is-Sebħ tas-salvazzjoni tagħna.

Is-sens ta' din il-festa Marjana jfakkarhulna San Andrija ta' Kreta, li għex bejn is-seba' u t-tmien seklu, f'waħda mill-omeliji famużi fl-okkażjoni tal-festa tat-Twelid ta' Marija, li l-ġrajja tagħha tiġi ppreżentata bħala biċċa prezzjuża mill-mużajk straordinarju li huwa l-pjan divin tas-salvazzjoni għall-umanità: "Il-misteru ta' Alla li jsir bniedem, id-divinizzazzjoni tal-bniedem meħud mill-Verb, jippreżentaw l-ogħla ġid li Kristu tana, ir-rivelazzjoni tal-pjan divin u t-telfa ta' kull preżunzjoni ta' awtosuffiċjenza tal-bniedem. Il-miġja ta' Alla qalb il-bnedmin, bħal dawl li jiddi u realtà ċara u li tidher, hi l-ikbar rigal prezzjuż tas-salvazzjoni li ġie mogħti lilna. Iċ-ċelebrazzjoni tal-lum tweġġaħ it-Twelid tal-Omm ta' Alla. Imma t-tifsir veru tagħha





u l-għan ta' din il-ġrajja hu l-Inkarnazzjoni tal-Verb. Fil-fatt Marija titwieled, tiġi mreddgħa u tikber biex issir l-Omm tas-Sultan taż-żminijiet kollha, ta' Alla'' (*Diskors I*: PG 97, 806-807). Din ix-xhieda importanti u antika teħodna għall-qalba tas-suġġett li fuqu qed tirriflettu u li l-Konċilju Vatikan II xtaq li jenfasizza diġà bit-titlu tal-Kapitlu Tmienja tal-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium*: "L-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja''. Dan jittratta n-*"nexus mysteriorum"*, ir-rabta intima bejn il-misteri tal-fidi Nisranija, li l-Konċilju Vatikan II wera bħala orizzont biex wieħed jifhem l-elementi singoli u d-diversi affermazzjonijiet tal-wirt tal-fidi Kattolika.

Fil-Konċilju, li jien ħadt sehem fih bħala espert fil-kwalità ta' teologu żagħżugħ, kelli l-opportunità li nara d-diversi modi kif wieħed jaffronta t-tematiċi dwar il-figura u r-rwol tal-Imqaddsa Verġni Marija fl-Istorja tas-Salvazzjoni. Fit-Tieni Sessjoni tal-Konċilju, grupp imdaqqas ta' isqfijiet talbu li l-Madonna tiġi trattata fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja, filwaqt li numru daqstant kbir ta' isqfijiet insista fuq il-ħtieġa ta' dokument specifiku li jkun jista' juri b'mod adegwat id-dinjità, il-privileġġi u r-rwol singulari ta' Marija fil-Fidwa mwettqa minn Kristu. Bil-votazzjoni tad-29 ta' Ottubru 1963 ġiet magħżula l-ewwel proposta, u l-iskema tal-Kostituzzjoni Dommatika fuq il-Knisja stagħniet aktar bil-kapitlu fuq l-Omm ta' Alla, li fih il-figura ta' Marija - interpertata u

proposta mill-ġdid fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, tat-testi tat-Tradizzjoni Patristika u liturġika, kif ukoll tar-riflessjoni wiesgħa teoloġika u spiritwali - tidher fis-sbuħija u s-singolarità kollha tagħha, u hi mdaħħla strettament fil-misteri fundamentali tal-fidi Nisranija. Marija, li tagħha hija enfasizzata b'mod speċjali l-fidi, hija mifhuma fil-misteru ta' mħabba u ta' komunjoni tat-Trinità Qaddisa; il-koperazzjoni mal-pjan divin tas-salvazzjoni u mal-unika medjazzjoni ta' Kristu hija affermata b'mod ċar u mogħtija l-importanza ġusta, u hekk hija l-mudell u l-punt ta' riferiment għall-Knisja, li f'Marija tagħraf lilha nfisha, il-vokazzjoni tagħha u l-missjoni propja tagħha.

Id-devozzjoni popolari, li minn dejjem tefgħet ħarsitha fuq Marija, tirriżulta miżjuda b'referenzi Bibliċi u Patristiċi. Hija ħaġa ċerta li dak li nsibu fil-Konċilju dwar Marija ma jeżawrix il-problematiċi li għandhom x'jaqsmu mal-figura tal-Omm ta' Alla, iżda żgur li dan il-materjal konċiljari huwa l-orizzont ermenewtiku essenzjali għal kull riflessjoni ulterjuri, kemm ta' karattru teoloġiku u kemm ta' karattru strettament spiritwali u pastorali. Barra minn hekk, jirrappreżenta punt prezzjuż ta' bilanċ, dejjem meħtieġ, bejn ir-razzjonalità teoloġika u l-affettività tat-twemmin. Il-figura singulari tal-Omm ta' Alla għandha tkun milqugħa u approfondita minn prospettivi diversi u kumplimentari: filwaqt li tibqa' valida u meħtieġa l-*via veritatis*, wieħed ma jistax ma jimxix ukoll il-*via pulchritudinis* u l-*via amoris* biex jiskopri u jikkontempla iktar fil-fond il-fidi Nisranija trasparenti u solida ta' Marija, l-imħabba tagħha għal Alla, u t-tama soda tagħha.

Għalhekk, fl-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini* għamilt stedina biex nibqgħu mexjin fuq il-linja tal-Konċilju Vatikan II (ara n. 27), stedina li mill-qalb nagħmel lilkom, għeżież ħbieb u studjużi. Offru l-kontribut kompetenti tagħkom ta' riflessjoni u ta' proposta pastorali, biex tagħmlu li s-*Sena tal-Fidi* li dalwaqt tibda tkun tista' tirrappreżenta għal dawk kollha li jemmnu fi Kristu tassew mument ta' grazzja, li fih il-fidi ta' Marija timxi qabilna u takkumpanjana bħal fanal li jdawwal u bħala mudell ta' milja u maturità Nisranija li lejh inħarsu b'fiduċja u li minnu nieħdu entużjażmu u ferħ biex ngħixu b'impenn dejjem ikbar u b'koerenza s-sejħa tagħna ta' wlied Alla, ta' aħwa fi Kristu, membri ħajjin tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja.

Nafda lilkom ilkoll u l-ħidma tagħkom ta' studju taħt il-ħarsa materna ta' Marija u nagħtikom Barka Appostolika partikolari. Grazzi. ◆





# "Ħa jsir minni skont kelmtek"

## Riflessjoni fuq il-fidi ta' Marija quddiem il-kwadru tat-Tħabbira

minn Dun Alex Refalo

Fil-kwadru hemm żewġ persunaġġi prinċipali: l-anġlu u Marija. L-anġlu qiegħed iħares lejha u Marija tinsab inklinata tħares 'l isfel, b'idejha marbutin fuq sidirha. Fuq nett tal-kwadru hemm ħamiema li tirrappreżenta l-Ispirtu s-Santu, li nistgħu ngħidu li huwa t-tielet persunaġġ. Din ix-xbieha tat-Tħabbira hija tant komuni fil-kwadri li jirrappreżentaw lil Marija.

"Kollox jista' jkun għal min jemmen!" (Mk 9:23). Din kelma li qalha Ġesù, u hekk hi tassew. Marija, għax emmnet, issir Omm Alla, tiġi mtellgħa fis-Sema, issir is-Sultana tas-Sema u tal-art... Iva, kollox jista' jkun għal min jemmen. Emmnet fil-Kelma ta' Alla mwassla lilha mill-anġlu. Issa mill-post tal-glorja fejn tinsab qed terġa' tisma' l-kelmiet li darba qal Ġesù: "Ma għidtlekx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?" (Ġw 11:40). Din kelma ta' Alla li sseħħ tassew. Għax emmnet, qiegħda tassew tara u tgħix fil-glorja ta' Alla.

L-anġlu dehrilha waqt li kienet qiegħda titlob. Il-pożizzjoni tagħha fil-kwadru hija pożizzjoni ta' talb. Marija kienet tħobbu lil Alla: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (Ġw 14:23). Għax kienet tħobb lil Alla, ħarset il-kelma tiegħu: "Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben, u ssemmih Ġesù..." (Lq 1:31); u b'konsegwenza ta' dan "aħna niġu ngħammru għandu" u Ġesù jiġi tassew jgħammar fina. Li temmen f'Alla jfisser li temmen ukoll fil-wegħdiet tiegħu.

Il-fidi f'Alla għandha tliet għedewwa, li bħala bniedma bħalna kellha titqabad ukoll magħhom Marija: il-moħħ li ma jagħtikx li tmur 'l hinn minn dak li tista' tifhem u tara, il-biża', u d-dubju.

a. Wieħed jemmen dak li l-moħħ jista' jwassal għalih. Ngħidu aħna, Marta oħt Lazzru, meta Ġesù qal: "Neħħu l-blata", qaltlu: "Mulej, issa beda jrejjaħ: ġa ilu erbat ijiem mejjet" (Ġw 11:39-40). Dak li

jmur 'l hinn minn dak li l-moħħ jista' jasal għalih, joħloq il-biża'. Il-fidi ta' Marija tikkonferma dan: Kif jista' l-moħħ ċkejken tagħha jwassalha tifhem li hija ser titqal b'tarbija mingħajr l-intervent ta' raġel, u terġa' u tgħid li din it-tarbija ser tkun Alla, l-Iben ta' Alla? Alla jmur 'l hinn minn kif jirraġuna l-bniedem. Ġesù jgħid lid-dixxipli tiegħu: "Araw, tajtkom is-setgħa li tirfsu fuq sriep u skorpjuni u li tegħlbu kull qawwa tal-għadu, u ebda ħsara ma jagħmlulkom" (Lq 10:19). Il-moħħ jgħid il-kuntrarju: Irfes fuq serp u tara x'jagħmillek!

b. It-tieni għadu huwa l-biża'. Fil-bidu bdiet tibża', tant li l-anġlu jgħidilha: "Tibżax, Marija" (Lq 1:30). Il-biża' jinħoloq quddiem xi ħaġa li wieħed ma jistax ikollu kontroll fuqha. Marija tasal ma tibża' minn xejn għax fdat ruħha u ġisimha f'Alla. Qiegħdet il-fiduċja tagħha fil-wegħdiet ta' Alla. Il-kelmiet "Ħa jsir minni skont kelmtek" (Lq 1:38) huma turija ta' fidi fil-Kelma li tasal tegħleb kull biża'. Hekk kien ġara wkoll fil-ħajja ta' Abraham. Il-biża' li jitlef lil ibnu ma żammux milli jemmen: "Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt" (Lhud 11:19). Anki Danjel, meta ġie mitfugħ fil-fossa tal-iljuni, kien mimli fidi f'Alla li wasslitu wkoll jegħleb kull biża': "Tellgħu lil Danjel mill-ħofra, u sabu li ma kienet ġratlu ebda ħsara, għaliex hu kien ittama f'Alla tiegħu" (Dan 6:24). Fl-għerq ta' kull dnub li jagħmel il-bniedem, hemm dejjem ftit jew wisq il-biża'.

c. It-tielet għadu huwa d-dubju. Ifisser li wieħed ma jemminx fil-wegħdiet ta' Alla. Filwaqt li Żakkarija ddubita: "Kif inkun żgur minn dan? Għax jien raġel xiħ u marti mdaħħla fiż-żmien?", u r-risposta tal-anġlu kienet: "U issa, talli int ma emmintx kliemi, li għad iseħħ meta jasal il-waqt..." (Lq 1:18-20), Marija staqsiet ħalli tkun tista' tara aħjar x'qed jiġri minnha... Ma tistaqsix: *"Kif inkun żgura?"*; għalhekk hija emmnet dak li wasslilha l-anġlu. San Pietru, meta Ġesù qallu biex jimxi fuq l-ilma, beda jiddubita u kien sa jegħreq: "Bniedem ta' fidi żgħira," qallu, "għaliex iddubitajt?" (Mt 14:28-31). San Ġakbu jkompli jispjega l-periklu tad-dubju fir-rigward tal-fidi: "Mela ħa jitlob bil-fidi, bla ma jitħasseb xejn, għax min jitħasseb ikun jixbah lill-mewġ tal-baħar imqanqal u mqalleb bir-riħ. Bniedem bħal dan ma għandux jistenna li se jaqla' xi ħaġa mingħad



il-Mulej'' (Ġak 1:6-7). Fl-"Iva'' tagħha Marija tintelaq u tirbaħ kull tentazzjoni ta' preokkupazzjoni li tista' tfixkilha. Taf li Alla ser ikun dak li jmexxiha u jibqa' jmexxiha.

Kemm drabi l-fidi tagħna saret dgħajfa għax ħallejna xi waħda minn dawn it-tentazzjonijiet tegħlibna! Marija, quddiem ix-xena tal-anġlu, turina li kull tentazzjoni ta' dan it tip tista' tintrebaħ biss jekk wieħed jintelaq f'idejn Alla. Il-bniedem ta' fidi jasal bħal Marija biex jagħmel tassew tiegħu l-kliem ta' Ġesù: "Għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn'' (Ġw 15:5).

Fix-xena tat-Tħabbira hemm imsemmija Eliżabetta, li kienet qed tistenna iben fi xjuħitha. Meta Alla jkun irid xi ħaġa minna, bħal fil-każ ta' Marija, ma jħalliniex waħidna. Jibgħatilna persuni biex jgħinuna u jsostnuna, biex jinkuraġġuna u jiggwidawna. Marija dlonk tħalli d-dar biex tmur għand qaribtha: "Qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet'' (Lq 1:39). Alla mhux ser iħalliha waħidha terfa' l-piż kbir tal-missjoni li rċeviet. Ipoġġilha wkoll lil Ġużeppi qrib tagħha u tal-misteru li hemm moħbi fiha.

Dak li ġara f'Nazareth f'Marija ma kienx xi ħaġa li ġiet u marret. Il-fidi titlob il-perseveranza. Jekk kienet il-fidi tagħha li wasslitha biex issir Omm Alla, il-perseveranza hija t-tkomplija ta' dan. Mument ta' grazzja li ma jiqafx hemm... U kemm huwa faċli li wieħed jiltaqa' ma' esperjenzi qawwija ta' Alla fil-ħajja tiegħu u jieqaf milli jimpenja ruħu, u jitlef kollox, u jerġa' lura għal dak li kien qabel... F'Marija ġara kollox bil-maqlub. Tassew li l-fidi titlob li wieħed jibqa' jippersevera. L-ispirtu ta' perseveranza huwa sinjal ta' umiltà u abbandun f'idejn Alla. Meta Ġesù qal lill-Appostli: "Tridux titilqu intom ukoll?'', wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem'' (Ġw 6:67-68). Hija l-perseveranza l-uniku mezz biex wieħed jasal u jirbaħ kull diffikultà. Meta Ġesù qal: "Ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl'' (Ġw 12:35), ried ifisser li sakemm wieħed



jibqa' miexi, id-dawl li jmexxih (li huwa l-Ispirtu tiegħu) huwa dejjem miegħu; imma jekk jieqaf, isib id-dlam. Qal ukoll: "Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura, mhuwiex tajjeb għas-Saltna ta' Alla'' (Lq 9:62). Mit-Tħabbira sat-Tlugħ fis-Sema hemm storja ta' fidi u perseveranza, ta' fedeltà u ta' fiduċja totali f'idejn Alla, marbutin mal-imħabba tagħha lejh.

Marija tgħallimna li l-fidi hija verament don ta' Alla, imma tiddependi mir-rieda tal-bniedem. Kieku ma riditx, Alla ma seta' jagħmel xejn magħha. Wieħed jista' jilqa' l-fidi jekk irid hu. Fl-episodju tal-fejqan taż-żewġ għomja, Ġesù jistaqsihom: "Temmnu intom li jien nista' nagħmlu dan?'' (Mt 9:28). Talab minnhom tweġiba ta' fidi. Talab minnhom rieda li jemmnu. Imbagħad seta' jwettaq il-miraklu. Il-fidi, għalhekk, fuq l-eżempju ta' Marija, hija r-rieda tal-bniedem li jemmen. U l-ikbar miraklu tal-fidi jibqa' dejjem l-abbandun totali tal-bniedem f'idejn Alla. Quddiem is-sejħat ta' Alla, dak li jidher impossibbli għall-bniedem, iseħħ, għax "għal Alla mhemm xejn li ma jistax isir'' (Lq 1:37).

L-Ispirtu s-Santu, li jinsab fuq nett fil-kwadru u jissemma biss darba, huwa dak li kien dejjem preżenti fl-istorja tal-fidi ta' Marija u li hu preżenti fil-fidi tagħna msejsa fuq dik ta' Ommna Marija.♦



# Marija fil-Mużika (11)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

## It-Tislima tal-*Ave Maria* (1)

"Is-sliem għalik, Marija, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù''.

Dawn huma l-kelmiet smewwija li bihom l-Arkanġlu Gabrijel, il-messaġġier ta' Alla, sellem lit-Tfajla ta' Nazareth fil-mument tat-tħabbira tat-tnissil tal-Feddej tal-umanità. Huma kelmiet konċiżi iżda li kellhom ifissru l-bidu ta' storja ġdida għall-umanità mtebbgħa bid-dnub tal-ewlenin ġenituri tagħna. Matul il-medda tas-snin, il-kelmiet tal-*Ave Maria* ma kinux biss sors ta' ispirazzjoni għal tant Dutturi tal-Knisja li kitbu omeliji sħaħ biex ifissru t-Tislima tal-Anġlu, iżda servew ukoll biex taw lil diversi mużiċisti madwar id-dinja ispirazzjoni mis-Sema għall-kompożizzjonijiet tagħhom.

Fil-fatt, l-*Ave Maria* hija fost l-aktar innijiet Marjani li nsibu verżjonijiet mużikali tagħha. F'dan l-artiklu tal-lum ser nagħtu ħarsa lejn tliet kompożituri kbar li tawna fost l-aktar melodiji popolari ta' dan l-innu. Dawn huma Jacob Arcadelt, Franz Schubert u Charles Gounod.

**Jacob Arcadelt** kien kompożitur ta' żmien ir-Rinaxximent li kien attiv kemm fl-Italja u kemm fi Franza u magħruf prinċipalment bħala kompożitur tal-mużika vokali sekulari. Għalkemm huwa kiteb ukoll mużika vokali sagra, Arcadelt kien wieħed mill-aktar kompożituri famużi tal-*madrigals,* biċċiet ta' mużika vokali u sekulari ta' żmien ir-Rinaxximent u l-bidu tal-era Barokka. Arcadelt kien l-iktar membru influwenti tal-fażi bikrija ta' din it-tip ta' kompożizzjoni, li mbagħad ma baqgħetx magħluqa biss fi Franza imma fetħet l-orizzonti tagħha fl-Italja wkoll. Matul il-karriera twila u produttiva tiegħu, Arcadelt kiteb mużika sagra u sekulari. Hu ħalla total ta' 24 motett sagru, 125 kanzunetta Franċiża, madwar 250 *madrigal*, tliet Quddisiet u mużika oħra. L-*Ave Maria* tiegħu hija waħda mill-aktar kompożizzjonijiet magħrufa. Hija ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1842 għal kor b'erba' vuċijiet bl-akkumpanjament tal-pjanu jew tal-orgni. Jeżistu numru ta' arranġamenti mużikali u traskrizzjonijiet ta' din il-kompożizzjoni, fosthom dak ta' Dietsch-Rondeau għal kor b'erba' vuċijiet, żewġ kurunetti, żewġ trumbuni u orgni.

Waħda mill-aktar *Ave Maria* popolari magħna hija bla dubju ta' xejn il-kompożizzjoni ta' **Franz Schubert**. Franz Peter Schubert (1797-1828) kien kompożitur Awstrijakk. Għalkemm miet ta' 31 sena, Schubert kien wieħed mill-kompożituri l-kbar



tas-seklu dsatax u l-aqwa kompożitur tal-*lieder* fl-ilsien Ġermaniż. L-importanza tal-mużika kommoventi tiegħu, li ġustament dan iż-żmien tintuża ħafna fiċ-ċinema, ma kinitx rikonoxxuta f'ħajtu; fil-fatt ħafna xogħlijiet tiegħu ndaqqu għall-ewwel darba wara mewtu. Fil-ħajja qasira tiegħu, Franz Schubert kien dejjem nieqes mill-flus, imma dan qatt ma kien jinkwetah sakemm ħbiebu kienu lesti biex jgħinuh, kif hu kien dejjem lest biex jgħinhom. Għalkemm miet bit-tifu fl-età ta' 31 sena biss, kellu żmien biżżejjed biex jikkomponi 'l fuq minn elf xogħol, fosthom xi sitt mitt *lieder*. Dawn tal-aħħar huma fost l-iżjed importanti mix-xogħlijiet tiegħu. Huma komposti fuq versi tal-ikbar poeti tal-ilsien Ġermaniż (Klopstock, Goethe, Schiller, Rückert, Heine), ta' xi ħbieb tiegħu (Mayrhofer, Körner, Spaun, Schober, Senn, Collin, Schwind), jew ta' poeti li baqgħu magħrufin minħabba l-*lieder* tiegħu (Müller). Il-baritonu Johann Michael Vogl, famuż ħafna f'dik l-epoka, sar ħabib u ammiratur ta' Schubert, u għamel kontribuzzjoni qawwija biex il-*lieder* tiegħu jsiru magħrufin, bħalma għamlu l-baruni Carl von Schönstein u l-kantanta Anna Milder. Schubert kiteb għal kull forma mużikali, barra kun'erti. Minkejja li kien influwenzat ħafna minn Haydn u Mozart, il-mużika tiegħu baqgħet differenti. Il-kompożizzjonijiet qishom improvizzati, poetiċi u melodiċi ħafna, fihom sbuħija naturali u immaġinazzjoni kbira, imma fl-istess ħin jistgħu jkunu fantastiċi, tal-ħolm u sikwit ta' qsim il-qalb, l-iżjed wara li l-kompożitur marad bla tama ta' fejqan. L-*Ave Maria* ta' Franz Schubert inkitbet f'April 1825 u ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1826. Din il-kompożizzjoni hija ddedikata lil Der Gräfin Sophie von Weissenwolf. Din l-*Ave Maria* hija magħrufa magħna l-Maltin u l-Għawdxin għax hija waħda mill-aktar li tindaqq fiċ-ċelebrazzjonijiet taż-żwieġ.



Kompożitur ieħor li għandu *Ave Maria* magħrufa ħafna huwa l-kompożitur **Charles-Francois Gounod** (1818-1893). Imwieled f'Pariġi, Franza, Gounod kien iben ta' omm pjanista u missier artist. Ommu kienet ukoll għalliema tal-pjanu u għalhekk ma setax jonqos li l-ewwel tagħlim tiegħu f'dan l-istrument irċevih mingħandha. Daħal fil-Konservatorju tal-Mużika f'Pariġi fejn studja taħt Fromental Halevy u Pierre Zimmermann. Matul il-karriera tiegħu, Gounod kiteb diversi kompożizzjonijiet kbar. Fost dawn ta' min isemmi l-*Messe Solennelle*, magħrufa wkoll bħala l-Quddiesa ta' Santa ¬eċilja. Dan ix-xogħol indaqq għall-ewwel darba nhar it-22 ta' Novembru 1855, festa ta' Santa ¬eċilja, Patruna tal-mużiċisti, f'waħda mill-knejjes ewlenin ta' Pariġi. Lil Gounod hija attribwita wkoll il-mużika tal-Innu Pontifi'ju li aktar tard sar l-innu uffiċjali tal-Belt tal-Vatikan. Fost l-opri li baqa' msemmi għalihom hemm *Faust* u *Romeo et Juliette*. L-*Ave Maria* ta' Gounod inkitbet fl-1853 u ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-istess sena. Dan ix-xogħol huwa bbażat fuq il-Preludju Numru 1 għall-pjanu miktub mill-kompożitur famuż Johann Sebastian Bach. Insibu diversi arranġamenti mużikali u traskrizzjonijiet ta' din il-melodija.

Fl-artiklu li jmiss ser nagħtu aktar tagħrif dwar kompożituri oħra li kitbu *Ave Maria* b'tislima lill-Verġni Marija. ♦

***Riferenzi:***

Santucci, *La Madonna nella Musica*.

# L-Insara jridu jieħdu sehem attiv fis-soċjetà

## Omelija fil-Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

## Santwarju Madonna Ta' Pinu, l-Għarb, Għawdex

### Il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju 2012



Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

### Marija, persuna pro-attiva

Il-Vanġelu jirrakkontalna esperjenza umana ta' tieġ illi għal ftit ma sfrattax, peress illi naqashom l-inbid. Imma l-preżenza ta' Marija salvat dik is-sitwazzjoni milli tiddeterjora u flok festa jkun hemm diżordni. Marija setgħet għamlet bħalma normalment jagħmlu n-nies u baqgħet siekta. Setgħet qalet: "X'jimpurtani! Mhemmx ħaddieħor jara x'jonqos?". Setgħet lagħbet il-parti newtrali biex la tfuħ u lanqas tinten. Imma le... Marija ssemma' leħinha, tgħolli l-vuċi tagħha u tmur quddiem Kristu, li hu Alla, u tintervieni biex issalva dik is-sitwazzjoni u tirrimedja fil-ħin opportune, ħalli dik il-festa ma tisfrattax u jkun hemm id-diżordni.

### Nieħdu sehem fid-diskussjoni pubblika

Għeżież tiegħi, fid-dawl ta' dan li qiegħed ngħid, jiena nara messaġġ qawwi għall-poplu ta' Alla fil-gżejjer tagħna. Qed jiżvolġu ċerti sitwazzjonijiet fejn, jekk ma jkunx hemm intervent f'waqtu, il-festa tista' ssir diżordni u s-soċjetà tkompli tiddeterjora. Jien nara sitwazzjoni fejn aħna qed nieħdu l-parti inattiva, passiva, fejn qed inkunu biss spettaturi f'wiċċ dak li qiegħed iseħħ quddiemna, il-parti newtrali biex la nkunu fuq naħa u lanqas inkunu fuq oħra, fejn nagħmlu tabirruħna li ma nafux x'inhu jiġri jew inkella nfarfru minn fuq spallejna u ngħidu: "Mhemmx dak? Mhemmx dawk? Ħa jitkellmu huma, ħa jagħmlu huma".

Imma dan mhux l-atteġġjament ta' Marija u tad-devoti veri ta' Marija, għaliex anki fid-dinja li fiha qegħdin ngħixu hemm bżonn li nimitaw lil Marija f'Kana u ngħollu leħinna u nsemmgħu l-vuċi tagħna. Is-sabiħa tafu x'inhi? Li min m'għandux x'jgħid qiegħed jiftaħ fommu, min għandu kliem battal qiegħed jgħajjat, u min għandu x'jagħti qiegħed jibża' u jirtira. Qiegħed nirreferi għall-poplu ta' Alla!

## Il-kontribut tas-sens reliġjuż fis-soċjetà tal-lum

Fis-sitwazzjoni tagħna mhux inbid qed jonqos, imma fil-kultura tagħna li qed tintgħaġen, kulma jmur qiegħed jiddgħajjef is-sens reliġjuż. X'anomalija! Għandna tant sinjali reliġjużi fis-soċjetà tagħna li ninqdew bihom għal skopijiet turistiċi biex navvanzaw ekonomikament... Imma, nerġa' ngħid, kulma jmur is-sinjali reliġjużi tagħna qegħdin jiżvojtaw mis-sens veru reliġjuż. U jekk is-sens reliġjuż jonqos, allura tiddgħajjef ukoll il-kuxjenza umana, għaliex huwa dan is-sens reliġjuż illi joffri l-fundament u s-sapport għal dawk il-valuri etiċi u morali illi jiffurmaw is-sinsla tad-dahar mhux biss taċ-ċittadin imma tas-soċjetà flimkien.

## Is-sagralità tal-verità

Intom tafu, imma forsi ma tridux tirrikonoxxu (!), illi f'dak li għandu x'jaqsam ma' valuri etiċi u morali, għaddejjin minn fażi ta' faqar enormi. Jekk aħna nitilfu dan is-sens reliġjuż, jekk il-kultura tagħna titbattal minn dan is-sens reliġjuż, allura mbagħad nitilfu s-sagralità tal-verità. Il-fatt li qegħdin ngħixu f'soċjetà relattivista fejn mhemmx verità waħda, imma fejn kull min jidhirlu jfaqqas dak li hu jsejjaħlu "il-veru", huwa indikazzjoni illi għalina l-verità m'għadhiex sagra, lanqas meta nieħdu l-ġurament quddiem Alla li aħna suppost inservu skond is-sewwa.

Is-soċjetà tagħna, li qed titlef is-sens reliġjuż u għaldaqstant il-kuxjenza umana, qiegħda wkoll titlef is-sens sagru tal-ħajja umana sa mill-bidu tat-tnissil, u mhux biss, iżda tal-ħajja umana kollha kemm hi, tant illi l-ħajja tal-bniedem saret komodità, oġġett negozjabbli u ta' sperimentazzjoni; mingħajr ir-rispett lejn il-ħajja tal-bniedem f'kull fażi, imma partikolarment meta l-ħajja umana hija l-iktar dgħajfa, fl-ewwel mumenti tat-tnissil tagħha. Din hi s-soċjetà tagħna, għeżież tiegħi... U aħna spettaturi u qed nieħdu l-parti newtrali! Huwa ġust quddiem Alla dan l-atteġġjament?

Qed nitilfu s-sens sagru taż-żwieġ u tal-familja, u għaldaqstant naraw min qiegħed jipproponi mudelli ta' ħajja illi jikkuntrastaw bis-sħiħ ma' dak li jrid il-Ħallieq, u li l-Ħallieq kiteb fin-natura tal-bniedem u li mbagħad ikkonfermah bir-Rivelazzjoni Mqaddsa.

## Ma nistgħux inkunu passivi

Quddiem din ir-realtà għandna bżonn mara illi ma tibqax passiva, ma tibżax għal ġildha, imma ssemma' l-vuċi tagħha, tgħolli leħinha biex il-qagħda tagħna ma ssirx waħda diżastruża. Għax jekk aħna nkomplu nitilfu s-sens reliġjuż, imbagħad nibdew naraw il-konsenturi mhux biss fil-bniedem imma wkoll fl-istituzzjonijiet tas-soċjetà, anki fl-istituzzjonijiet l-aktar għolja illi suppost jibagħtulna messaġġi pożittivi u edukattivi. Ma nistagħġibx illi fl-istituzzjonijiet ta' pajjiżna minn żmien għall-ieħor jidhru dawn ix-xquq, jidher li qiegħed iċedi l-pedament: ir-raġuni hi li naqsilna l-inbid, naqsilna dan is-sens reliġjuż, jew aħjar, hemm min irid ineħħih mill-kultura tagħna.

F'dan il-kuntest, imnebbaħ mir-rwol ta' Marija f'Kana tal-Galilija, jiena nagħmel appell lin-nies kollha ta' rieda tajba, imma partikolarment lill-poplu ta' Alla f'pajjiżna, ħalli bħal Marija jsemmgħu l-vuċi tagħhom u jgħollu leħinhom. Aħna konvinti mhux biss minn dak li jrid Alla, imma wkoll mill-veru ġid tal-bniedem: għalhekk hemm bżonn li negħlbu din il-muta, din il-passività, u ngħollu l-leħen tagħna flimkien u nsemmgħu l-vuċi tagħna.

U x'għandha tkun din il-vuċi? Mhux xi programm li naħdmu jien u int, imma hija vuċi bħal ta' Marija li tindika lil Ġesù: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu". Hu dan li għandha bżonn is-soċjetà tagħna: illi aħna b'vuċi għolja nindikaw u nindirizzaw lill-bniedem għand Kristu, għax Kristu biss kapaċi mix-xejn joħroġ il-ġid, l-ilma jibdlu fi nbid. Kristu biss jista' jagħti tifsira lill-ħajja tagħna l-bnedmin, għaliex il-kultura tagħna tibda tagħmel sens jekk tkun miftuħa għall-misteru ta' Alla, kif għamlet Marija

(Ikompli f'paġna 26)




## Kungress Marjoloġiku Marjan



F'dawn l-aħħar jiem ir-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Gerard Buhagiar, flimkien ma' Dun Emanuel Magro u Dun Samuel Grech, student tal-Marjoloġija f'Ruma, ħadu sehem f'isem is-Santwarju Ta' Pinu u bħala rapprezentanti ta' Malta fit-23 Kungress Marjoloġiku Marjan Internazzjonali bit-tema *Il-Marjoloġija miż-Żmien tal-Konċilju Vatikan II: Reċensjoni, Bilanċ u Prospettivi.* Dan il-kungress inżamm bejn it-Tlieta 4 u l-Ħadd 9 ta' Settembru 2012, fl-Awla Manja tal-Università Pontifiċja *Antonianum* f'Ruma, u kien organizzat mill-PAMI (*Pontificia Academia Mariana Internationalis*), l-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali, flimkien mal-Univeristà Pontifiċja *Marianum*.

Għal dan il-kungress attendew 'il fuq minn tliet mija u ħamsin persuna minn diversi pajjiżi minn ħames kontinenti. Il-kelliema, teologi u professuri fl-istudji Marjoloġiċi ta' fama internazzjonali, tkellmu dwar kif il-figura tal-Verġni Marija ġiet ippreżentata fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Il-Verġni Marija hija membru tal-Knisja u fl-istess ħin l-aqwa mudell għan-Nisrani. Marija hija l-ewwel persuna mogħnija bid-don tal-Ispirtu s-Santu, kif ukoll l-ewwel mifdija u dixxiplu tal-Mulej. Hija tibqa' għall-Insara Omm u oħthom fil-fidi.

Il-Kungress fetaħ biċ-ċelebrazzjoni tal-Għasar fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore ppreseduta mill-Kardinal Angelo Amato, id-delegat uffiċjali tal-Papa għal dan il-Kungress, u ngħalaq biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija mmexxija mill-Kardinal Gianfranco Ravasi, il-Prefett tal-Kunsill Pontifiċju għall-Kultura. Il-kungressisti ġew milqugħa mill-Papa Benedittu XVI f'udjenza speċjali f'Castel Gandolfo nhar is-Sibt 8 ta' Settembru, festa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija. Fid-diskors tiegħu l-Papa ħeġġeġ lill-istudjużi tal-Marjoloġija biex,



speċjalment matul is-Sena tal-Fidi, jaħdmu biex Marija tkun mudell prinċipali ta' kif in-Nisrani għandu jikber fil-fidi tiegħu, imqawwija u mibnija fuq il-Kelma ta' Alla.

## Ħallietna Antoinette Frendo

Jixraq li minn dawn il-paġni nsellmu lil devota kbira tal-Madonna Ta' Pinu li ħallietna fl-aħħar xhur: is-Sinjura Antoinette Frendo P.E.P., mill-parroċċa ta' San Ġorġ, il Belt Victoria, Għawdex. Hija mietet fl-età ta' 86 sena, nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 2012... propju jum wara l-festa liturġika tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, li isimha kien fuq fommha fuq is-sodda tal-mewt tagħha kif kien dejjem f'ħajjitha.



Antonietta, kif kulħadd kien jafha, kellha devozzjoni speċjali lejn il-Madonna Ta' Pinu, u spiss konna narawha bħala pellegrina f'riġlejn il-Verġni Mbierka f'dan is-santwarju għażiż tagħha. Fil-fatt hi kienet minn ta' l-ewwel li bdiet torganizza pellegrinaġġi mill-irħula Għawdxin lejn Ta' Pinu, tassew mudell ta' devozzjoni Marjana awtentika li xerrdet kemm felħet l-imħabba lejn il-Verġni Mbierka fil-gżira tagħna.

Involuta fl-Azzjoni Kattolika u għal snin twal presidenta djoċesana tal-Fergħa tan-Nisa ta' dan il-moviment, kienet mixgħula b'żelu qaddis fil-kamp soċjali tal-Knisja, b'ħidma kontinwa mal-morda u l-anzjani. F'Awwissu 2011, b'rikonoxximent għad-diversi ħidmiet tagħha għall-ġid tal-Knisja, il-Papa Benedittu XVI għoġbu jonoraha bil-ġieħ *Pro Ecclesia et Pontifice.*

Fatt interessanti li jkompli jorbot lil Antoinette Frendo mal-Madonna Ta' Pinu hu li fl-1990 hi ħadmet il-parti tax-xwejħa Karmni Grima fuq is-sodda tal-mewt, fil-produzzjoni drammatika *Leħen mill-Kwadru*, kitba tal-Kan. Joe Mejlak, maħduma għat-televiżjoni. Aħna ċerti li l-Madonna Ta' Pinu laqgħet lil Antoinette fi ħdanha għall-premju mistħoqq wara ħajja ta' appostolat mimli b'entużjażmu u servizz lejn ħutha.

## Marija: patrimonju spiritwali għall-kulturi kollha



F'intervista li saritlu dwar it-23 Kungress Marjoloġiku Internazzjonali li ntemm ftit taż-żmien ilu fil- Universita' Pontifiċja Antonjana, il-Kardinal Gianfranco Ravasi, President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura ppropona lil Marija bħala wirt 'immaterjali' li ngħatalna għal tisfija u anke bħala proposta għall-kulturi kollha. Matul l-intervent li għamel waqt il-Kungress, il-biblista ta' reputazzjoni internazzjonali faħħar l-attivita' tal-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali u antiċipa wkoll il-laqgħa li saret fl-Isvezja fil-kuntest tal-Bitħa tal-Ġentili; ta' min qabel xejn jgħid li din il-Bitħa tal-Ġentili hija struttura li nħqalet fi ħdan id-Dikasteru mmexxi mill-istess Ravasi. Il-Bitħa tal-Ġentili għandha l-għan li tippromwovi id-djalogi bejn in-nies tal-fidi u dawk li ma jemmnux ltaqgħet nhar it-13 u l-14 ta' Settembru fi Stokkolma, il-kapitali Svediża, fil-Kgl Vetenskapsakademien (L-Akkademja Irjali tax-Xjenzi) u l-isem tal-laqgħa kien 'Id-dinja b'Alla u mingħajr Alla?'. F'din il-laqgħa saret diskussjoni bejn ix-xjenza u l-fidi.

L-għażla tal-post ma saritx bl-addoċċ. Kif stqarr Ravasi, l-Isvezja tippreżenta ambjent 'totalment sekularizzat' fejn jipprevla l-komponent atew u l-preżenza reliġjuża hija kemmxejn dgħajfa. Id-djalogu ekumeniku

jinkludi fih l-iskoperta mill-ġdid tal-figura tal-Verġni Marija 'punt ta' riferiment fundamentali' f'dan il-kuntest.

Meta mistoqsi x'kontribut tista' toffri l-persuna ta' Marija fi ħdan l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, Ravasi wieġeb li Marija tista' tagħti spinta fuq żewġ direzzjonijiet. L-ewwel waħda hija l-preżenza tal-femminilitaÏ li minħabba fir-rabta tat-tema ma' dik ġenerali tas-sesswalitaÏ (*gender*) hija allura suġġett kontinwament diskuss. Marija tirrapreżenta s-sħuħija tal-persuna umana. Kif tgħid il-Bibbja fil-Ġenesi: 'Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieha tiegħu; fuq xbieha t'Alla ħalaqhom u għamilhom raġel u mara' (Ġen 1: 26-27). Ix-xbieha ta' Alla hija riflessa mela fil-għaqda bejn ir-raġel u l-mara. It-tieni direzzjoni tirrigwarda l-fatt li Marija hija waħda mill-figuri dominanti fil-qalba tal-istorja u tal-kultura u għalhekk huwa biss meta tiġi skopruta mill-ġdid li nistgħu nifhmu l-wirt li ħallitilna.

Ravasi tkellem mill-ħtieġa ta' 'tisfija' tal-kunċett Marjan fuq livell popolari minħabba li matul is-snin intrabat magħha ħafna devozzjonaliżmu u ċċajpret xi ftit iċ-ċentralitaÏ ta' Kristu. Ravasi semma l-kunċetti tat-tenerezza u tas-sentiment



fil-ħajja tal-bniedem li jista' jkollu punt ta' riferiment f'Marija. Anke l-figura lajka jeħtieġ li tħares lejn Marija bħala figura ta' ispirazzjoni, lil hinn mill-fidi u t-twemmin.

Ravasi semma wkoll il-patrimonju li hu għoġbu jlaqqmu 'immaterjali'. Bl-użu ta' dan l-aġġettiv kellu f'moħħu l-arti, il-folklor, ir-reliġjożitaÏ popolari u t-tradizzjonijiet antiki u dawk ġodda. Semma wkoll il-festi, il-purċissjonijiet, il-manifestazzjonijiet reliġjużi u ħwejjeġ simili. Fuq kollox semma l-importanza tal-ekwilibriju fil-kult Marjan sabiex b'hekk ikun jista' jsib postu fil-kulturi u l-aspetti diversi tagħha. ♦

---

(ikompli minn paġna 23)

f'dak it-tieġ ta' Kana meta fetħitilhom moħħhom u qalbhom għall-misteru ta' Alla.

Agħmlu l-qalb, għeżież tiegħi, agħmlu l-qalb! Kuraġġ! Ma nħallux la l-biża' u lanqas il-mistħija jżommuna lura milli fil-*fora* soċjali tagħna nsemmgħu leħinna u nagħmlu eku tal-Vanġelu, għax kif jgħid il-Papa Pawlu VI fl-*Evangelii Nuntiandi*, "id-drama tas-soċjetà tal-lum ġejja propju mill-qasma bejn il-Vanġelu u l-kultura" (n. 20), qishom kienu żewġ affarijiet li ma jmorrux flimkien, bħall-ilma u n-nar. Mela mhux hekk! Il-Vanġelu huwa l-Bxara t-Tajba dwar il-bniedem li ġejja minn dak Alla li sar bniedem. Jekk aħna, fil-ħin opportun – u issa hu l-ħin opportun! – ma nsemmgħux il-vuċi tagħna, mhux il-futur tal-Knisja li jkun f'riskju, imma huwa l-futur tal-bniedem u ta' pajjiżna.

Għeżież tiegħi, l-intervent kuraġġjuż u f'waqtu ta' Marija mhux biss salva dik il-qagħda li kienet fi pre'ipizzju, imma ta l-opportunità biex Kristu jagħmel l-ewwel sinjal ħalli tidher il-glorja tiegħu. Jekk aħna tassew devoti tal-Madonna Ta' Pinu, illi permezz ta' Karmni Grima sejħitilna u għadha ssejħilna biex niġu f'dan is-santwarju, teżor tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, hemm bżonn li bħal Marija f'Kana ngħollu l-vuċi tagħna, ngħollu leħinna biex is-sewwa ta' Ġesù Kristu jasal lill-bniedem u lill-istituzzjonijiet tagħna, ħalli l-glorja ta' Alla tinżel fuqna. ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
Ivan Attard

## APRIL 2012

**Il-Ħadd, 1:** Bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa – Solennità ta' Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej. Qabel il-Quddiesa tat-8.30am sar ir-rit tat-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ u purċissjoni qasira li fakkret id-daħla trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm.

**Il-Ħamis, 5:** Ħamis ix-Xirka – Tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija u s-Saċerdozju Ministerjali. Filgħodu r-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar attenda għall-Pontifikal Solenni fil-Katidral ta' Għawdex li matulu Mons. Isqof bierek iż-¯ejt tal-Katekumeni u tal-Griżma tal-Morda u kkonsagra ż-¯ejt tal-Griżma. Filgħaxija, fis-6.00pm, ġiet iċċelebrata l-Quddiesa tal-Aħħar Ikla tal-Mulej li matulha sar ir-rit tal-ħasil tar-riġlejn. Fi tmiem din il-Quddiesa, Ġesù Ewkaristija ttieħed lejn l-Altar tar-Repożizzjoni fejn bdiet l-Adorazzjoni. Is-Santwarju baqa' miftuħ sa nofsillejl.

**Il-Ġimgħa, 6:** Il-Ġimgħa l-Kbira. Fit-3.00pm ġiet iċċelebrata l-Azzjoni Liturġika li kienet tinkludi l-Qari tal-Kelma ta' Alla, l-Adorazzjoni tas-Salib u t-Tqarbin Imqaddes.

**Is-Sibt, 7:** Għas-sitt sena konsekuttiva, fid-9.00am ġiet iċċelebrata *Is-Siegħa tal-Omm*, ċelebrazzjoni ta' tifħir lill-Verġni Marija li tistenna b'tama kbira l-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Din iċ-ċelebrazzjoni kateketika tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u kienet imxandra b'mod dirett fuq *Radju Marija*. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni, xi nisa ngħataw il-mandat biex jidilku bil-fwejjaħ l-aktar postijiet għeżież fil-knisja, fosthom l-altar, l-ambone u s-sedja.

Tard filgħaxija, fit-8.30pm, ingħata bidu għall-akbar ċelebrazzjoni tas-Sena Liturġika: il-Velja Solenni tal-Għid. Iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti fit-tberik tan-nar il-ġdid, il-mixegħla tal-Blandun, il-qari tal-Kelma ta' Alla, it-tberik tal-ilma l-ġdid u l-Liturġija Ewkaristika.

Il-funzjonijiet kollha tat-Tridu Paskwali tmexxew mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar u kienu animati mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni ta' Marouska Attard.

**Il-Ġimgħa, 13:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa biex tfakkar it-tletin anniversarju miż-żwieġ tal-koppja Doreen u Victor Mercieca mill-Belt Victoria.



**Il-Ħadd, 15:** Fid-Djoċesi ta' Għawdex ġie ċċelebrat Jum il-Papa. In-Nunzju Appostoliku Mons. Tommaso Caputo mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fis-Santwarju flimkien mal-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u numru sabiħ ta' saċerdoti. Din il-Quddiesa saret b'radd il-ħajr lill-Mulej u b'talb għall-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. F'din il-Konċelebrazzjoni ġie mfakkar is-seba' anniversarju mill-ħatra tal-Kardinal Joseph Ratzinger bħala Ragħaj tal-Knisja Universali u Suċċessur ta' Pietru u t-tieni anniversarju mill-għotja tal-Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu.



Fl-istess jum, il-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali *Madonna tal-Ġilju* tal-Imqabba għamel preżentazzjoni lir-Rettur tas-Santwarju tal-ktieb li għadu kemm ġie ppubblikat dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju. Il-ktieb għandu numru sabiħ ta' ritratti bil-kulur, fih 605 paġni u għandu bħala editur lis-Sur Charles J. Farrugia.

**Il-Ġimgħa, 20:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Craig, iben Robert u Claudine Borg, mill-parroċċa ta' Għajnsielem.

**Is-Sibt, 21:** Dun Mark Buhagiar minn Melbourne, l-Awstralja, mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-għoxrin sena miż-żwieġ tal-koppja Harold u Rita Sammut.

**Il-Ħadd, 22:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Alexis, bint il-koppja Ryan u Tiziana Azzopardi. Iċ-ċelebrant kien Patri Joseph Xerri OFM CONV, Gwardjan tal-knisja ta' San Franġisk, il-Belt Victoria.

**It-Tnejn, 23:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq l-erbgħin sena miż-żwieġ tal-koppja Lina u Effie Buhagiar.

**Il-Ħamis, 26:** Il-Kan. Joseph Sultana mill-parroċċa tax-Xagħra ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq il-Ġublew tad-Deheb mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu li seħħet fl-10 ta' Awwissu 1962.

**Pellegrinaġġi:**

**Il-Ħadd, 1:** Pellegrinaġġ mill-Grupp ta' Talb Agostinjan taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, Omm u Sultana tal-Konsolazzjoni, b'talb lill-Madonna Ta' Pinu għall-konverżjoni ta' tant Insara li ma jgħixux ħajja tassew Nisranija. Il-grupp kien immexxi minn Patri Deo Debono OSA.

Sar pellegrinaġġ ieħor minn grupp mill-parroċċa tan-Nadur b'radd il-ħajr għal grazzja maqlugħa riċentement. Fl-istess jum, grupp ta' tmenin persuna mis-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa, ir-Rabat, Malta, għamel żjara lill-Madonna Ta' Pinu. Il-grupp kien immexxi mill-Gwardjan Patri Michael Attard OFMCONV flimkien ma' Patri Donald Bellizzi OFMCONV. Il-grupp immedita wkoll il-*Via Crucis* matul l-Għolja Ta' Għammar.

**It-Tnejn, 2:** Numru sabiħ ta' tfal tar-raba', il-ħames u s-sitt sena tal-Iskola Primarja tax-Xagħra għamlu l-*Via Crucis* fis-Santwarju u fuq l-Għolja Ta' Għammar. Mons. Anton Refalo, direttur spiritwali ta' din l-iskola, mexxa l-meditazzjonijiet.

**It-Tlieta, 3:** Grupp ta' professjonisti barranin għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu fi tmiem l-irtir tagħhom li sar f'*Dar Manresa* bejn it-30 ta' Marzu u t-3 ta' April.

**L-Erbgħa, 4:** Il-komunità tas-Sorijiet Klarissi għamlet il-*Via Crucis* fuq l-Għolja Ta' Għammar flimkien mal-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u l-Kan. Eddie Zammit. Wara, Mons. Isqof qaddes Quddiesa għalihom fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu. Ħa sehem ukoll il-Kappillan tas-Sorijiet, Patri Chris Farrugia OFM.

Fl-istess jum, sar pellegrinaġġ mill-komunità parrokkjali tal-Mosta li tmexxa mill-Arċipriet Dun Albert Buhagiar u minn Dun Willie Vella. Patri Charles Delia SJ flimkien ma' erba' sorijiet Dorotej żaru wkoll lill-Madonna Ta' Pinu f'din il-ġurnata.

**L-Erbgħa, 11:** Ġie organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju minn grupp ta' persuni b'diżabbiltà li jgħixu f'*Dar Nazareth*, iż- ejtun.

**Il-Ħamis, 12:** Grupp ta' eks-għalliema u studenti tal-*Mater Admirabilis Teachers' Training College* f'Tal-Virtù, Malta, għamlu żjara lis-Santwarju.

**Il-Ħadd, 15:** Grupp ta' għoxrin persuna mill-Awstrija għamlu żjara lis-Santwarju waqt il-btala tagħhom f'Għawdex.

**Il-Ġimgħa, 20:** Grupp ta' madwar erbgħin persuna mill-Italja żaru s-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-btala tagħhom f'Għawdex.

**Is-Sibt, 21:** Il-Kan. Tonio Galea mexxa Quddiesa flimkien ma' grupp ta' lajċi kkonsagrati mill-*Piccolo Gruppo di Cristo* mill-Italja.

**It-Tlieta, 24:** Il-Kumitat flimkien mal-plejers tax-*Xewkija Tigers F.C.* għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu fl-okkażjoni tar-rebħ tal-Kampjonat Għawdxi tal-Ewwel Diviżjoni.

**Il-Ħamis, 26:** Grupp ta' pellegrini minn Franza għamlu żjara lill-Madonna u talbu l-protezzjoni tagħha.

## MEJJU 2012:

**L-Erbgħa, 2:** Ingħata bidu għad-devozzjoni antika tal-ħmistax-il Erbgħa bi tħejjija għas-solennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija. Għat-tieni sena konsekuttiva, fuq inizjattiva tar-Rettur Dun Gerard Buhagiar, beda jingħad ir-Ružarju *aux flambeaux* fid-8.45pm immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, b'talb speċjali għall-familji Maltin u Għawdxin.

**Il-Ħadd, 6:** Dun Edward Vella ċċelebra ż-żwieġ ta' Sean u Louise Coucher minn Essex, l-Ingilterra.

**Is-Sibt, 12:** L-Isqof Mons. Abraham Desta, mid-Djoċesi ta' Meki fl-Etjopja, għamel żjara lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u ċċelebra l-Quddiesa tas-6.30pm.

(Ikompli f'paġna 32)



# Conservation Report (5): Queen of Peace - Part 1

Project Director: Sac. Charles Vella
Conservator Restorers: Sac. Charles Vella and Joanna Micallef

## Manufacturing Technique

### Support

The canvas support consists of a single piece of fabric 171cm by 98cm. Scientific analyses have shown that the canvas employed is cotton. It is very thin and tightly woven. The painting does not have proper tacking margins, showing that this painting was not intended to be stretched on a stretcher frame.

### Preparation Layer

The canvas has two very thin and homogeneous preparation layers. The first layer is a thin beige preparation layer and it is followed by a white preparation layer (see scientific report for detail regarding the composition of these layers). The canvas support was most probably bought readily coated with the preparation layers.

### Paint layers

A rich palette of subdued colours and gold were used. The paint layer was applied rather thinly. The binding medium is most probably oil (scientific analysis were not conclusive regarding the binding medium).

### Varnish layer

Analysis under ultra violet light have

Fig. 1



Fig. 2




Fig. 3


Fig. 4


Fig. 5

shown that the painting is not varnished.

## State of Conservation

### Support

The canvas is in a very bad state of conservation. It is badly deteriorated with lots of tears and losses (Fig. 1). The deterioration is largely concentrated in the central and upper part of the painting (Fig. 2).

It is not known how such extensive deterioration has occurred to the painting but most probably it was due to improper storage in a humid place. The deterioration is not recent and there has been an attempt in the past to conserve this painting. Three pieces of craft paper (brown paper) were attached to the back of the upper half and central area of the painting with PVA glue [see scientific report for detail regarding the adhesive used] (Fig. 3). It seems that the glue was applied to the paper and then the paper was placed onto the back of the painting. This can be sad since a lot of glue was found on the craft paper but the canvas support was not impregnated with the glue. The craft paper has managed to keep the loose canvas pieces together. However, the craft paper which had been humidified with the adhesive has shrunk during drying and created a lot of creases and deformations in the canvas support (Fig. 4).

After being relined with craft paper the painting has been stored rolled up and it was badly stored since heavy objects were placed on it. This has caused several vertical deformations. Moreover a lot of detachments in between the canvas support and the paper are present and these could lead to further deterioration (Fig. 5).

### Preparation Layer

The preparation layers are still well adhered to the canvas support. However, there are several losses a lot of them coinciding with losses in the canvas support (Fig. 6). Other smaller losses which leave the canvas support exposed are also present.

### Paint layers

The paint layer is in a very bad state of conservation, there are a lot of losses coinciding with losses in the canvas support and/or the preparation layers (Fig. 6 & 7). What is left of the paint layer is deformed and sometimes the painting is misaligned (Fig. 8). The paint layer has black stains possibly due to biological growth. A lot of superficial dust and dirt is also present.♦


Fig. 6


Fig. 7


Fig. 8





(ikompli minn paġna 29)

Mons. Desta kien akkumpanjat minn Mons. Ġorġ Grima, direttur tal-*Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu.*

**Il-Ħadd, 13:** Għall-ewwel darba fid-Djoċesi ta' Għawdex saret iċ-ċelebrazzjoni tat-Tberik tat Trabi fil Ġuf tal Omm. Dan sar waqt il Quddiesa tal 5.00pm li ġiet iċċelebrata mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar. Waqt l-omelija nqara messaġġ tal-Isqof Mons. Mario Grech lill-ommijiet u wara saret it-Talba tat-Tberik tat-Trabi fil-Ġuf. Dan ir-rit ġie approvat mill-Vatikan fis-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej ta' din is-sena (26 ta' Marzu 2012), waqt li l-Papa Beneditu XVI wera x-xewqa li din iċ-ċelebrazzjoni ssir f'Jum l-Omm. *Dar Ġużeppa Debono* organizzat din iċ-ċelebrazzjoni u għaliha kienu preżenti madwar sittin koppja li qed jistennew tarbija.

**It-Tlieta, 15:** Saret ċelebrazzjoni bħala għeluq tal-proġett "Il-Valur tal-Ħajja", imniedi minn Dar Ġużeppa Debono, li fih ipparteċipaw l-istudenti kollha tat-tielet klassi tal-iskejjel sekondarji ta' Għawdex flimkien mal-istudenti tar-raba' klassi tal-Iskola *St Monica* ta' Birkirkara. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'mixja mill-bidu tat-triq li twassal lejn is-Santwarju Ta' Pinu. Matul il-mixja saru disa' waqfiet li jimmarkaw id-disa' xhur li t-tarbija tgħaddi fl-ewwel dar tagħha: il-ġuf ta' ommha. Il-programm kien wieħed imżewwaq b'kant, talb u messaġġ mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ingħata ertifikat ta' parteċipazzjoni lill-istudenti kollha ħadu sehem attiv f'dan il-programm.





Patri Julian Sammut OFM iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tad-disgħa u għoxrin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.



**L-Erbgħa, 16:** It-tielet Erbgħa ta' Santa Marija. Il-Quddiesa tat-8.00pm kienet immexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem ta' diversi saċerdoti Għawdxin u animata mill-Kor *Nativitas* akkumpanjat fuq l-orgni minn Ivan Attard. Wara l-Quddiesa, saret purċissjoni qasira lejn il-faċċata tas-Santwarju fejn ġie mbierek u inawgurat uffiċjalment il-Konsultorju tal-Familja, inizjattiva meħuda mill-Kummissjoni Familja fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex.





**Is-Sibt, 19:** L-Isqof l-E.T. Mons. Markes Redhim, mid-Djoċesi ta' Jimma fl-Etjopja, għamel żjara lis-Santwarju u mexxa l-Quddiesa tas-6.30pm. Ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar offrielu kwadru *facsimile* tax-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu biex jitpoġġa fl-ewwel knisja ddedikata lill-Madonna Ta' Pinu fl-Etjopja. Huwa kien akkumpanjat minn Mons. Ġorġ Grima, direttur tal-*Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu.*

**Il-Ħadd, 20:** Dun Alex Refalo ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-membri tal-Familja Camilleri mill-parroċċa tax-Xagħra.

**Il-Ġimgħa, 25:** Fl-okkażjoni tal-anniversarju mit-twelid ta' San Piju tal-Pjagi, Mons. Charles Vella wassal il-gwanta, relikwa awtentika ta' dan il-qaddis, fis-Santwarju fejn ġiet milqugħa minn dawk preżenti u sar talb bl-interċessjoni ta' San Piju ta' Pietrelcina.

**Is-Sibt, 26:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa mir-Rettur tas-Santwarju flimkien mal-membri tal-*Fondazzjoni Ġwanni Pawlu II* fl-okkażjoni tat-tnejn u għoxrin anniversarju miż-żjara tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju (1990-2012). F'dik l-okkażjoni, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien żejjen ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu bi stellarju tad-deheb.

***Pellegrinaġġi:***

**It-Tlieta, 1:** Żjara lill-Madonna Ta' Pinu mill-Grupp *Faith Alive* tal-parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi bħala parti minn ġurnata ta' btala f'Għawdex.

**Il-Ħamis, 3:** Grupp ta' pellegrini minn Milan fl-Italja żaru s-Santwarju.

**Il-Ġimgħa, 4:** Żjara lis-Santwarju minn grupp ta' patrijiet Agostinjani Maltin f'għeluq l-irtir annwali tagħhom f'Għawdex.

**Il-Ġimgħa, 5:** Patri Hayden Teuma OFMCAP flimkien mal-Appostli Franġiskani ta' Ġesù u Marija żaru lill-Madonna Ta' Pinu biex jesprimu l-imħabba tagħhom lejn Marija bħala wliedha u appostli tagħha.

**It-Tnejn, 7:** Pellegrinaġġ organizzat mid-*Dar tal-Providenza* fis-Siġġiewi.

**Is-Sibt, 12:** Pellegrinaġġ mill-Grupp tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla fil-Mosta.

**Is-Sibt, 19:** Ġie organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mis-seminaristi ta' Għawdex u saret ċelebrazzjoni Ewkaristika li matulha l-ordinandi għad-Djakonat (is-seminarista Gabriel Gauci) u l-Presbiterat (id-djakni Mark Bonello u Daniel Grech) għamlu l-Professjoni tal-Fidi tagħhom u l-Wegħda tal-Fedeltà u ċ-ċelibat. Mexxa Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

**It-Tlieta, 22:** Pellegrinaġġ mill-grupp tal-anzjani tal-parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex.

**Il-Ħamis, 24:** Pellegrinaġġ fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier mill-parroċċa tal-Birgu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Arċipriet Dun Joe Cilia.

**Il-Ġimgħa, 25:** Pellegrinaġġ mill-Grupp tal-Evanġelizzazzjoni mill-parroċċa ta' Raħal il-Ġdid. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Augustine Lape, Kappillan tal-parroċċa ta' Kristu Re fil-Kenja.

Fl-istess jum, saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini minn Turin fl-Italja.

**Is-Sibt, 26:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Tifħir lill-Mulej u lill-Verġni Marija minn saċerdot Malti għal grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu.

Fl-istess ġurnata, saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' sittin anzjan u anzjana mid-Dar tal-Anzjani tal-Imtarfa, Malta. Ġiet iċċelebrata wkoll Quddiesa mill-Kappillan Dun Frans Abela.

**It-Tlieta, 29:** Pellegrinaġġ mill-Kummissjoni Djakonija tal-parroċċa ta' Sant'Andrija, Ħal Luqa, Malta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Michael Cauchi.

**L-Erbgħa, 30:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' anzjani mill-parroċċa ta' Santa Venera. Il-pellegrinaġġ tmexxa minn Patri Robert Farrugia OCARM.

**Il-Ħamis, 31:** Grupp ta' wieħed u tletin pellegrin mill-Istati Uniti għamel żjara lis-Santwarju.

## ĠUNJU 2012

**Is-Sibt, 2:** Ġie amministrat is-sagrament taż-żwieġ lill-koppja Joseph Cassar mill-parroċċa ta' San Lawrenz u Mandy Portelli mill-parroċċa tan-Nadur. Iċ-ċelebrant kien Dun Charles Sultana, viċi-parroku tal-parroċċa ta' San Lawrenz.

**L-Erbgħa, 20:** Tifkira tas-77 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu mill-Kardinal Lepicier (1935-2012). Fil-Quddiesa tal-5.30pm tfakkar dan l-anniversarju permezz ta' Quddiesa mmexxija minn Patri Charles Fenech OP, direttur ta' *Radju Marija*, b'talb speċjali għall-voluntiera li jaħdmu f'dan l-istazzjon Marjan. Fid-8.45pm ġie ċċelebrat ir-Rużarju mill-Isqof Mons. Mario Grech.

**Il-Ħamis, 21:** Lejlet it-tifkira tal-Anniversarju tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu. Fis-6.00pm ingħad ir-Rużarju fil-Kappella tal-Madonna segwit mit-Translazzjoni Solenni tar-Relikwa tal-Madonna u Konċelebrazzjoni tal-Vġili mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Sar ukoll il-kant tal-Ewwel Għasar. Il-liturġija kienet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmel P. Grech.

**Il-Ġimgħa, 22:** Fis-Santwarju ġiet iċċelebrata s-solennità tal-129 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Carmela Grima. Is-Santwarju fetaħ fl-4.30am biex ġie ċċelebrat il-Quddies tal-5.00am, tas-6.00am u tas-7.00am. Fid-9.00am sar Pontifikal Solenni li tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem ta' diversi saċerdoti Għawdxin. Fl-10.15am saret it-talba tas-Supplika u tkanta t-*Te Deum* bħala innu ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Il-liturġija kienet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmel P. Grech. Fil-11.15am saret Quddiesa li matulha Mons. Anton Saliba, il-Kan. Carmel Portelli u Mons. Mikiel Mintoff fakkru t-tmienja u tletin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom. Matul il-jum tkompliet l-Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.





Fil-5.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Mons. Carmelo Gauci, Arċipriet Emeritu tal-Għarb, bis-sehem tal-Grupp ta' Talb *Madonna Ta' Pinu*. Fis-6.30pm saret



Quddiesa mmexxija minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, bis-sehem tal-W.R. Kapitlu tal-istess Kolleġġjata, li matulha tkanta t-Tieni Għasar tal-Madonna. Din il-Quddiesa kienet animata mill-Kor *Hebron* tal-istess parroċċa akkumpanjat fuq l-orgni mill-Kan. Mikiel Galea, viċi-rettur tas-Santwarju.

Fit-8.00pm ġie ċċelebrat Pontifikal Solenni mill-E.T. Mons. Ġuzeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, li matulha huwa fakkar is-sittin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Din il-liturġija kienet animata mill-Kor *Nativitas* akkumpanjat fuq l-orgni minn Ivan Attard. Fl-10.30pm intqalet it-Talba ta' Għeluq il-Jum u ngħatat il-Barka Sagramentali li ġabet fit-tmiem il-Festa tal-Madonna Ta' Pinu 2012.

**It-Tnejn, 25:** Il-Kan. Eddie Zammit u Dun Franġisk Sultana ċċelebraw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq id-disgħa u għoxrin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom.

**L-Erbgħa, 27:** Fil-Quddiesa tal-5.30pm tfakkar il-Ġublew tal-Fidda mill-Ordinazzjoni Presbiterali tal-W.R. Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju, il-Kan. Anton Attard mill-parroċċa tax-Xagħra, Dun Alex Refalo mill-parroċċa tax-Xagħra, u Dun Mikiel Xuereb mill-parroċċa tax-Xewkija. Il-Quddiesa kienet animata mill-Kor *Nativitas*. Preżenti għal din il-Quddiesa kien hemm il-familjari ta' dawn is-saċerdoti li flimkien ġew iroddu ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju ministerjali. L-ordinazzjoni ta' dawn l-erba' saċerdoti kienet saret fil-Katidral ta' Għawdex nhar is-27 ta' Ġunju 1987 minn idejn l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.





Fl-istess jum, Dun Effie Masini u l-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri fakkru l-wieħed u tletin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom permezz ta' Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

Fis-7.00pm ġiet ukoll iċċelebrata Quddiesa minn Dun Michael Said, Kappillan tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar, f'għeluq l-anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.

**Pellegrinaġġi:**

**Is-Sibt, 2:** Grupp ta' *past pupils* mill-Oratorju Don Bosco ta' Tas-Sliema għamel żjara lill-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħadd, 3:** Grupp ta' *past pupils* minn *St Patrick's Salesian School* għamel żjara lis-Santwarju u kellhom Quddiesa ċċelebrata minn Dun Charles Cini SDB.

**It-Tnejn, 4:** Żjara lis-Santwarju minn grupp mill-parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamangia. Mons. George Farrugia ċċelebra Quddiesa għalihom.

Grupp ta' 30 anzjan u anzjana mill-parroċċa tan-Naxxar żar lill-Madonna Ta' Pinu.

Fl-istess jum, grupp ta' studenti li kienu fil-klassi tal-Form 5 fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex għamlu żjara lill-Madonna fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja tagħhom.

**It-Tlieta, 5:** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Ġiljan. Qaddes Dun Tony Agius.

Fl-istess ġurnata, saru żewġ pellegrinaġġi mill-Kummissjoni Djakonija fi ħdan il-parroċċa ta' San Franġisk fil-Qawra u mill-provinċja ta' Treviso fl-Italja.

**L-Erbgħa, 6:** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Santa Marija f'Had-Dingli. Il-grupp ħa sehem fil-Quddiesa tat-8.00pm fl-okkażjoni tal-Erbgħat bi tħejjija għall-Għid tal-Assunta. Il-Quddiesa kienet immexxija mill-Kappillan Dun Ewkaristiku Zammit flimkien ma' Mons. Louis Camilleri.

**Il-Ħamis, 7:** F'dan il-jum ta' festa nazzjonali, sar numru sabiħ ta' pellegrinaġġi lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.

Grupp mill-parroċċa ta' Santa Venera għamel żjara lis-Santwarju fejn saret ¬elebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr għall-ġid li sar fil-parroċċa tagħhom tul il-parrokat ta' Patri Alex Scerri OCARM.

Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini minn New Mexico u ieħor mill-Grupp tal-Lajċi Agostinjani li ġew Għawdex biex jagħmlu l-*Festa Familja Agostinjana* u jtemmuha b'Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna.

**It-Tnejn, 11:** Pellegrinaġġ mit-tfal ta' *St Francis School* f'Bormla.

**It-Tlieta, 12:** Dun Charles Cini SDB flimkien ma' numru ta' pellegrini oħra ġew fis-Santwarju bħala parti mit-tħejjijiet għall-Kungress tas-Salesjani li ser isir fis-sena 2013.

**Il-Ġimgħa, 15:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' żgħażagħ f'għeluq *live-in* vokazzjonali li sar fil-Kunvent tal-Agostinjani fil-Belt Victoria.

**It-Tlieta, 19:** Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura.

Grupp ta' pellegrini Taljani għamlu żjara lill-Madonna bħala parti mill-mawra tagħhom f'Għawdex.

Fl-istess jum, grupp ta' romol minn Ħal Balzan għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Michael Cauchi.

**L-Erbgħa, 20:** Grupp mill-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità għamel żjara lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għall-pellegrini minn Patri Chris Farrugia OFM.

**Il-Ħamis, 21:** Grupp ta' *past pupils* mill-Oratorju Don Bosco għamlu żjara lis-Santwarju. Fl-istess jum, l-anzjani li jinsabu residenti fid-Dar immexxija mis-Sorijiet Dumnikani tal-Belt Victoria ġew jirringrazzjaw lill-Madonna u jitolbuha l-grazzji meħtieġa.

**It-Tlieta, 26:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa bħala parti minn pellegrinaġġ li sar mill-komunità ta' *Mount Saint Joseph Retreat House* fl-okkażjoni tal-għeluq tal-Kapitlu Ġenerali tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li sar f'*Dar Stella Maris*, iż-¯ebbuġ.

**L-Erbgħa, 27:** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta mmexxi mill-Kappillan Patri Maurice Abela OCARM, b'ringrazzjament lill-Madonna u b'talba għall-ħarsien tagħha fuq il-parroċċa.

**Il-Ħamis, 28:** Il-Kan. Simon Sciberras flimkien ma' grupp mill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema ġew jitolbu fis-Santwarju u saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Verġni Marija.

**Is-Sibt, 30:** Żjara lis-Santwarju mill-abbatini tal-parroċċa ta' Santa Marija fil-Mosta assistiti mill-Arċipriet Dun Albert Buhagiar.




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (Is-16-il Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## Ir-rgħajja jsibu r-Ragħaj it-Tajjeb

"F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom bil-lejl. U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. Iżda l-anġlu qalilhom: 'Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li sa jkun għall-poplu kollu. Il-lum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura'. F'daqqa waħda ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-Sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu: 'Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu'.

Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-Sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: 'Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej'. Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom fuq dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha. Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom'' (Lq 2:8-20).

Hemm tifsira profonda fil-fatt li Alla l-ewwel li jirrivela lil Ġesù, Bin Marija, hu lir-rgħajja bl-għanja tas-sliem messjaniku. F'din l-esperjenza ta' Marija jaħbtu flimkien tnejn mill-wegħdiet messjaniċi kbar li min jaf kemm kienet immeditat fuqhom tul is-snin u li żgur li għamlu ħoss daqshekk ieħor kbir fil-qalb ta' Ġużeppi: li Alla nnifsu għad ikun ir-Ragħaj it-Tajjeb, u li għad ikunilna u jġibilna l-milja tas-sliem. Biż-żjara tar-rgħajja, li ssieħbu b'mod hekk sħiħ magħha fit-tifħir tal-Mulej u li saru l-ewwel ħabbâra tal-wasla tal-Feddej, dwew mill-ġdid fil qalb ta' Marija u ta' Ġużeppi profeziji kbar: "Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-qawwa, u jaħkem bil-qawwa ta' driegħu. Hawn hu bi ħlasu miegħu, u r-rebħa tiegħu quddiemu. Bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu; bi driegħu jiġmagħha, u l-ħrief fi ħdanu jerfagħhom; u n-nagħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom'' (Is 40:10-11).

"Dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Arawni, hekk jien se nfittex in-nagħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom. Bħalma r-ragħaj jaħseb fil-merħla tiegħu meta

jsib ruħu f'nofs in-nagħaġ imxerrda tiegħu, hekk naħseb jien fin-nagħaġ tiegħi, u nsalvahom minn kull fejn xterdu fi żmien is-sħab u s-swied ta' l-ajru. Noħroġhom minn qalb il-popli, niġborhom mill-artijiet, inġibhom lejn arthom. Nirgħahom fuq il-muntanji ta' Israel, fil-widien u l-meddiet kollha ta' l-art. F'mergħat bnina għad nirgħahom, u fuq l-iġbla għolja ta' Israel tkun mergħathom. Hemm jinxteħtu f'mergħa bnina, u jimirħu f'art tajba fuq il-muntanji ta' Israel. Jiena stess nirgħa n-nagħaġ tiegħi, u jiena nserraħhom, oraklu ta' Sidi l-Mulej. Jiena nfittex il-mitlufa u rreġġa' lura l-imxerrda, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġrugħa, u nqawwi l-marida. Inħares is-smina u l-qawwija, u nirgħahom bil-ġustizzja'' (Eżek 34:11-16).

Marija u Ġużeppi għarfu f'Ġesù, Alla magħna, ir-Ragħaj it-Tajjeb imwiegħed li jurina l-imħabba dejjiema ta' Alla Missierna, li jieħu ħsieb il-poplu tiegħu. Huma jithennew bir-rgħajja sempliċi li issa, kull fejn imorru, sa jħabbru lil Ġesù. Marija u Ġużeppi jifirħu ma' l-anġli, għax huma jħabbru lil Ġesù bħala l-Prinċep tas-Sliem.

Iktar minn kulħadd, Marija taf li Ġesù ma ġiex biex jiġġudika jew biex jikkundanna imma iktar biex ifittex lin-nagħġa l-mitlufa u jdewwiha. Neħtieġu l-moħħ ta' Marija u tar-rgħajja twajbin biex nistgħu nsibu lil Ġesù, nifirħu ma' l-anġli, ngħannu t-tifħir tiegħu u nħabbru s-sliem tiegħu.

Marija tgħożż f'qalbha l-bxara li ġabu dawn ir-rgħajja u l-anġli. U l-meditazzjoni tagħha fuq Ġesù l-Prinċep tas-Sliem, fuq Ġesù r-Ragħaj it-Tajjeb, żgur li tiġbor fiha talba għalina, li hi, li l-Knisja qatt ma jonqsulha "rgħajja tajbin'', rgħajja magħġuna fix-xbieha ta' Kristu, u lanqas tisfa mingħajr dawk li jifirħu fis-sliem ta' Kristu u jaqsmuh ma' kulħadd. Meta niċċelebraw dawn il-ġrajjiet kbar fl-Ewkaristija, aħna neħtieġu l-memorja mimlija gratitudni ta' Marija. Hemm bżonn li nimtlew bir-radd ta' ħajr għall-bxara li titwasslilna, biex nistgħu nkunu kollna miftuħa għall-grazzja u l-ferħ tal-Bxara t-Tajba.

Hi karatteristika ta' San Luqa, l-għalliem kbir tat-talb, li jagħlaq ir-rakkont tiegħu ta' kull ġrajja kbira tan-Nativitá b'għeluq korali ta' tifħir lil Alla. Ir-rgħajja twajba jxandru ma' kullimkien l-aħbar ta' Alla u jfaħħru lil Alla. Marija hi l-mudell ta' l-għanja ta' tifħir; qima ġenwina lil Marija twassalna biex nifhmu b'mod aktar sħiħ x'inhi l-Ewkaristija. Tibdlilna ħajjitna kollha f'*Magnificat*, tifħir lil Alla għar-rgħajja twajbin.

***Irroddulek ħajr, Alla qaddis li tista' kollox,***
***għax f'Ġesù Kristu***
***int wettaqt il-wegħdiet tiegħek***
***li int stess għad tkun***
***ir-Ragħaj tal-poplu tiegħek.***
***Qaddisna,***
***agħmilna ħaġa waħda fi mħabbtek,***
***biex insiru nafu aħjar lil Ġesù,***
***ir-Ragħaj it-Tajjeb,***
***u nkunu dejjem magħqudin miegħu.***
***Bierek lill-Knisja tiegħek,***
***biex ikollha dejjem rgħajja tajbin***
***li jafu jfaħħruk***
***u jafu kif iwasslu l-bxara tas-sliem***
***lill-bnedmin kollha.***
***Oħloq fina ħniena kbira għal dawk li ntilfu,***
***biex, bħal Marija u Ġużeppi,***
***nagħrfu fik ir-Ragħaj it-Tajjeb***
***u nwasslu ismek***
***lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba.***

***O Marija, Omm ir-Ragħaj it-Tajjeb,***
***itlob għalina u itlob għar-rgħajja tal-Knisja,***
***biex jistgħu tabilħaqq u għal kollox***
***jagħrfu l-isem ta' Ġesù,***
***ir-Ragħaj it-Tajjeb,***
***ħalli l-qlub tagħhom,***
***mimlija bil-ħniena kollha mħabba***
***għal dawk li jitbiegħdu,***
***ifittxuhom bis-sabar***
***u jreġġgħuhom bil-ħlewwa lura***
***fid-dar ta' Missierhom.***
***Itlob għalina,***
***biex tkun il-gratitudni li ddawwal***
***dak kollu li naħsbu, nixtiequ u nagħmlu.***
***Amen.*** ♦



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## April - Ġunju 2012

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

Għawdex: Abela Angie, Abela Violet, Agius Adeodato, Aquilina Mary Jane, Aquilina Mary, Aquilina Stella, Attard Carmela, Attard Carmen, Attard Catherine, Attard Ella, Attard Gemma, Attard Gorgianne, Attard Lilna, Attard Peter, Attard Victoria, Axiaq Salvina, Azzopardi Connie, Azzopardi Rosaria, Bajjada Pawlu, Barnham Carmen, Borg Marija, Bugeja Mario, Bugeja Tereza, Buttigieg Carmen, Buttigieg Grace, Buttigieg Joe, Buttigieg Joseph, Buttigieg Katerina, Buttigieg Maria, Buttigieg Stephen, Calleja S., Camilleri Familja, Camilleri Guzeppina, Camilleri Margaret, Camilleri Maria Antonia, Camilleri Nato, Camilleri Pawla, Camilleri Peter, Camilleri Salvino, Camilleri Tereza, Cardona George, Caruana Margaret, Caruana Mary, Cassar Marvin, Cassar Mary Jane, Cauchi Eugene, Cauchi Tony, Ciantar Guza, Cini Michael, Costa Carmen, Curmi Carmela, Curmi Carmelo, Curmi Joe, Curmi Salvina, Debono Lucy, Dun Eddie, Falzon Lina, Falzon Maria, Farrugia Carmel, Farrugia Helen, Farrugia Toni, Formosa Marco, Frendo Rita, Gatt Giovanna, Gatt Nina, Grech Gulina, Grech Karista, Grech Rose, Grima Francesca, Grima Lourdes, Grima Maria, Grima Mary, Grima Tarcisja, Haber Maria Stella, Meilaq Antonella, Mercieca Jane, Micallef Louise, Mifsud Coleen, Mintoff D., Mizzi Francis X., Mizzi Virotia, Muscat Doris, Muscat Joseph, Muscat Koronata, Muscat Louise, Muscat Marthese, Muscat Mary, Muscat Mary Ann, Muscat Rose, Pace Guzepp, Pace Rosmarie Parnis Marija, Portelli Mariah, Portelli Mary, Rapa Karmena, Rapa Lorenz, Said Yvonne, Saliba Guzeppa, Saliba Jane, Saliba Josephine, Saliba Maya, Saliba Mia, Sammut Joseph, Sammut Marija, Scerri Nancy, Spiteri Felix, Stellini Lucy, Sultana Anna, Sultana Carmen, Sultana Doris, Sultana Fortunata, Sultana Gina, Sultana Liza, Sultana Sylvia, Sultana Thereza, Tabone Antoinette, Tabone Guza, Tabone Rita, Tabone Sunta, Theuma Roseanne, Vella Margaret, Vella Mary Rose, Vella Mria, Vella Rita, Vella Rose, Xerri Emmanuel, Xerri Frenc, Xerri Joseph, Xerri Karmen, Xerri Louise, Xerri Pauline, Xuereb Edwin, Xuereb Zarena, Zammit Carmelina, Zammit Rita, Zerafa Loretta, Zerafa Margaret.

Malta: Abela Charlene, Abela Jesmond, Abela Sue, Aberla Margaret, Agius Carmel, Agius Emilio, Agius Vadala John, Aquilina Frances, Aquilina Helen, Aquilina Iris, Aquilina Maria Aquilina Sandra, Asrrigo Robert, Attard Doris, Attard Gemma, Attard Pawla, Attard Pawlu, Axiaq Carmen, Axiaq SG., Azzopardi Anglu, Azzopardi Doris, Azzopardi Eugene, Azzopardi Jesmond, Azzopardi Lawrence, Azzopardi Mary, Barbara Carmen, Barthet Matthew, Bartolo Jacquelene, Bezzina Gejtu, Blackmann Malcolm, Bojansis Thea, Bonello Vincenza, Bonnici Rita, Borg Anna, Borg Antoinette, Borg Antonia, Borg Carey, Borg Carmen, Borg Catherine, Borg Gorgina, Borg Marija, Borg Miriam, Borg Salvu, Briffa Carmen, Bugeja Gorg, Bugeja Joe & Rose, Bugeja Julie, Bugeja Ray, Buhagiar Lillian, Calleja Imperia, Calleja Nazzarenu, Calleja S., Camilleri Charles, Camilleri Dianne, Camilleri George, Camilleri grazziella, Camilleri Jesmond, Camilleri Julian, Camilleri Katie, Camilleri Maria, Camilleri Mary, Camilleri Nina, Camilleri Rita, Camilleri Tereza, Carabott Anna, Carabott Maria, Carbone Ina, Cardona Albert, Cassar Jane, Cassar Madre Armanda, Cassar Miriam, Cauchi Carmela, Cauchi John, Chetcuti Filomena & M'Assunta, Chircop Lina, Chircop Lino, Ciangura Ninette, Cilia Familja, Cini Barbara, Cordina Frances, Cremona Antoinette, Cremona Mary, Cucciardi Doris, Curmi Rita, D'Agostino Tessie, Debono Familja, Debono George, Debono Godwin, Debono Mary Rose, Debono Spira & Frances, Debono Susan, Depasquale Marie Therese, Dimech Catherine, Drago Familja, Drago Siena, Ellul Jeanne, Enriquez Familja, Falzon Guza, Fanciulli Monica, Fanciulli Ronnie, Farrugia Agnes, Farrugia Antonia, Farrugia Arnold, Farrugia Carmen, Farrugia Cettina, Farrugia Emmanuel, Farrugia George, Farrugia Margaret, Farrugia Marion Fenech Carmelo, Fenech Salvu, Formosa M., Gafa Toni, Galea Costantino, Galea Marija, Galea Pawlu, Galea Valentino & Margaret, Galea Vella Muriel, Gauci Gina, Gauci Josephine, Gauci Josianne, Gauci Vicky, Grech Maria, Grima Ludgarda, Grima Maria, Grima Tessienne, Inguanez John,

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## April - Ġunju 2012

Għawdex: Grech Kylie, Grech Mireille, Portelli Krista, Spiteri Benjamin, Spiteri Ela, Xerri Noah, Zammit Mayah .

Malta: Abela Kieran, Agius Zack, Aquilina Luca, Attard Alessia, Attard Ella, Attard Kristina, Azzopardi Andrea, Bajada Martina, Bianco Zac, Borg Kristina, Bosnjak Josip, Busuttil Amber, Calleja Daniela, Calleja Kurt, Calleja Michael, Calleja Yan, Camilleri Diana, Camilleri Gavin, Cardona Christina, Caruana James, Caruana Marija Grazzja, Cassar Isaac, Cassar Jacob, Cauchi Lea, Cefai Kylie, Chetcuti Giuseppe, D'Amato Yan, Delia Noah Jose'. Ellul Kenely Isaac, Falzon Francesca, Falzon Laura, Farrugia Abela Haissy, Farrugia Damon, Farrugia Elena, Farrugia Hiwama Mikaela, Farrugia Liam, Farrugia Yacob Isaac, Fenech Shanaia, Fenech Sherise, Galea Luke, Galea Shephard Chloe, Grech Wayne, Grech Zachary Lee, Grima Mikeyla, Magro O'Brien Shazaya Magro Yan, Mallia Megan, Mercieca Haya Mharan, Micallef Cann Kim, Micallef Mariah, Micallef Shanise, Micallef Xan, Mifsud Andrew Dane, Mifsud Daniel, Mifsud Matthias, Muscat Alejandro, Muscat Andreus,Muscat Luca Andre, Pace Gianluca, Pisani Grech Simon, Polidiano Gril, Scerri Timothy, Scicluna Kayden, Scicluna Matthew, Scicluna Samanta, Scicluna Shaion, Spiteri Shayzen, Stanyer Khloe, Taliana Mintoff Isabella, Tonna Keira, Tonna Leah, Vella Aymee Vella Daniel, Zahra Isaac, Zahra Julian, Zahra Valentina Maria, Zammit Adam, Zammit Mikyle.

Ewropa: Saliba Marianna Josephine Margareth.

Awstralja: Parnis Evie Anne.

---

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Karmena, Laferla Tarcisju, Lofaro Karmena, Magro Georgia, Margaret, McKay Mario, Mercieca Vivian, Micallef Adrianne, Micallef Anna, MicAllef Anthony, Micallef Evangelista, Micallef John Mary, Micallef Joseph, Micallef Louis, Micallef Marlene, Micallef Susanne, Mifsdu Karmenu, Mifsud Elizabeth, Mizzi Mary, Montebello Carmen, Mula Marija, Muscat Louis, Nazzarenu, Pace Charmaine, Palmier Paul, Piscopo Julie, Portelli Joan, Portelli P., Portelli Victoria, Porter Gorg, Psaila Lourdes, Sammut Mary, Sammut Pacifico, Sant Anne Marie, Sant Joe, Sciberras Patrick, Sciortino Carmen, Seychell Keith, Seychell Pawla, Smith Josette, Spiteri Antonia, Sultana Abigail, Tanti Carmen, Tanti Joe, Tanti Mary, Tanti Thomas, Tedesco Familja, V ladone Denisa & Alex, Vassallo Giovanna, Vella Betty, Vella Cettina, Vella Donald, Vella Mary, Vella Paul, Vella Rodianne, Vella Rosario, Vella Stella, Vella valerie, Vladone Denisa & Alex, Xerri Connie, Xerri Sylvana, Xiberras Doris, Xiberras J., Xuereb Evelyn, Xuereb Loreta, Zammit Gracy, Zammit Carmelina, Zammit Carmena, Zammit Josephine, Zammit Stephania, Zerafa Monica. Hayes Georgina,

Ewropa: Horsdale James, Merino Elisa, Portelli Joseph, Rose Mary.

Amerika: Azzopardi Mary Ann, Camilleri Jane & George, Camilleri Joeanne, Galea Stella, Magro Valentine, Micallef Mario, Portelli grace, Seychell Connie, Spiteri Mr. & Mrs. Frank, Tabone Joseph.

Awstralja: Antoinette, Attard Charlie, Attard Joe & Josephine, Attard M'Anne & Sam, Azzopardi Maria & Frank, Baldacchino Rose, Baldacchino Sam, Barbara Agnes, Borg Carmen, Calleja Margaret, Camilleri Carmen, Cardona Charmaine, Carmen, Cauchi Anthony & Joanne, Curmi Loreto, Debono Mary, Galea Charlie & Tereza, Galea Jim & Kristen, Gatt Doris, Gatt Lourdes, Gatt Vivienne, Grech Frank & A., Grima Jane & Tony, Grima Vicky & Frank, Grima Victor & Maria, Grixti Doris, Hili Mr. & Mrs., Josephine, Maryanne & Joe, Mercieca Rose, Micallef Antoinette, Mifsud Carmen, Mizzi Familja, Mizzi Melissa & Mary, Pace John, Parnis Stella, Piscopo Mary, Portelli Antonia, Sammut Jesse, Sultana Angela, Sultana Eucharistico, Sultana Familja, Sultana Familja, Sultana Furta, Sultana Grace, Sultana Jane, Sultana Monty, Theuma Familja, Theuma Joe, Theuma Nathalie, Vassallo Familja, Vella Margaret, Vella Micallef Susan, Vitorja, Xiberras Josephine.




# Agħti sehmek

*biex*
*is-Santwarju Ta' Pinu*
*jkompli jkun post ta'*
*serħan spiritwali*
*fi ħdan Marija*







# *Pavimentar taz-Zuntier u Misteri tar-Rużarju*



***Ibgħat id-donazzjoni tiegħek permezz ta' ċekk indirizzat 'Santwarju Ta' Pinu' flimkien ma' ismek u l-indirizz lis-Santwarju Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb, Għawdex GRB1704, u tingħata poster bil-kulur tal-Madonna Ta' Pinu.***







*Rigal sabiħ lill-familji*
*u lill-emigranti tagħna*

**KALENDARJU 2013**

**Jinkludi iktar minn**
**40 ritratt bil-kulur**
**ta' Daniel Cilia**
**u Joe Zammit**

**PREZZ**
**€2.50**

**Jinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu**